# KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI TRSTENJAK
ippreżentati fid-29 ta' Ottubru 2009 [1]

## Werrej


I — Introduzzjoni ........ I - 4790

II — Il-kuntest ġuridiku ........ I - 4790

A — Il-leġiżlazzjoni Komunitarja ........ I - 4790

B — Il-leġiżlazzjoni nazzjonali ........ I - 4792

III — Il-fatti li wasslu għall-kawża, il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari ........ I - 4793

IV — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ........ I - 4794

V — L-argumenti prinċipali tal-partijiet ........ I - 4795

VI — Kunsiderazzjonijiet ġuridiċi ........ I - 4799

A — Osservazzjonijiet preliminari ........ I - 4799

B — Fuq l-ammissibbiltà tar-rinviju ........ I - 4801

C — L-eżami tad-domandi preliminari ........ I - 4803

1. Fuq l-ewwel u t-tieni domandi ........ I - 4803

a) L-applikabbiltà tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 93/13 ........ I - 4803

i) L-eżistenza ta' dispożizzjoni nazzjonali iktar stretta ........ I - 4803


1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

ii) Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 ..................... I - 4804

— Il-kamp ta' applikazzjoni ratione personae u ratione materiae ... I - 4804

— Interpretazzjoni tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13 .......... I - 4805

b) Il-portata tal-awtorizzazzjoni stabbilita fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 93/13 I - 4812

i) Natura mhux vinkolanti tal-Artikolu 4(2) .......................... I - 4812

ii) Armonizzazzjoni minima .......................................... I - 4815

c) Konklużjoni ...................................................... I - 4816

2. Fuq it-tielet domanda preliminari ........................................ I - 4816

a) Kunsiderazzjonijiet ġuridiċi fid-dawl tal-għanijiet Komunitarji ....... I - 4816

b) Evalwazzjoni ġuridika abbażi tar-regoli ta' implementazzjoni ......... I - 4818

i) Ir-regoli tal-kompetizzjoni ........................................ I - 4818

ii) Il-libertajiet fundamentali ........................................ I - 4820

c) Konklużjoni ...................................................... I - 4822

VII — Konklużjoni ...................................................... I - 4823

## I — Introduzzjoni

1. Permezz ta' din it-talba għal deċiżjoni preliminari, it-Tribunal Supremo Spanjol (iktar 'il quddiem il-"qorti tar-rinviju") qed jagħmel tliet domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 8 tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993 dwar, klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, moqrija flimkien mal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva u mal-Artikoli 2 KE, 3(1)(g) KE u 4(1) KE [2].

2. Mill-aspett ġuridiku, ir-rinviju essenzjalment jikkonċerna l-kwistjoni dwar jekk l-Istati Membri tal-Komunità jistgħux jinvokaw l-Artikolu 8 tad-Direttiva biex jestendu, b'deroga mill-Artikolu 4(2) tad-Direttiva, l-evalwazzjoni tal-kontenut tal-klawżoli kuntrattwali mill-aspett tan-natura inġusta tagħhom anki fir-rigward ta' dawk il-klawżoli li jikkonċernaw jew id-"definizzjoni tal-kwistjoni prinċipali tas-suġġett tal-kuntratt" jew is-"sufficjenza tal-prezz u r-remunerazzjoni, fuq naħa waħda, kontra s-servizzi jew il-merkanzija provduti bi tpartit, fuq in-naħa l-oħra".

3. Din it-talba tqajjmet fil-kuntest ta' kawża li mressqa mill-Asociación de Usuarios de Servicios Bancarios (konvenuta quddiem il-qorti ta' kassazzjoni; iktar 'il quddiem il-"konvenuta fil-kawża prinċipali") — persuna ġuridika, li l-għan statutorju tagħha huwa d-"difiża tal-interessi leġittimi tal-utenti tas-servizzi pprovduti mill-istabbilimenti ta' kreditu u mill-istabbilimenti finanzjarji" — kontra l-istabbiliment ta' kreditu Caja de Ahorros y Monte de Piedad de Madrid (rikorrent quddiem il-qorti ta' kassazzjoni; iktar 'il quddiem ir-"rikorrent fil-kawża prinċipali"). It-talba fil-proċedura tal-ewwel istanza kellha l-għan li tikseb l-annullament kif ukoll l-inibizzjoni mill-użu ta' dik li tissejjaħ "klawżola ta' arrotondament" li ġiet inkluża mir-rikorrent fil-kawża prinċipali, fil-forma ta' klawżola kuntrattwali redatta minn qabel, f'kull kuntratt ta' kreditu maħsub għall-akkwist ta' proprjetà immobbli konkluż ma' klijenti tiegħu.

## II — Il-kuntest ġuridiku

### A — *Il-leġiżlazzjoni Komunitarja*

4. It-tnax, is-sbatax u d-dsatax-il premessa tad-Direttiva 93/13 jipprovdu dan li ġej:

"Billi, iżda, kif inhuma bħalissa, il-liġijiet nazzjonali jippermettu li tiġi kkunsidrata biss armonizzazzjoni parzjali; billi b'mod partikolari, din id-Direttiva tkopri biss klawżoli kuntrattwali li ma jkunux ġew

2 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kap. 15 Vol. 2, p. 288.

innegozjati individwalment; billi l-Istati Membri għandu jkollhom l-għażla b'konsiderazzjoni xierqa tat-Trattat, li joffru lill-konsumaturi livell ogħla ta' protezzjoni permezz ta' disposizzjonijiet nazzjonali li jkunu aktar stretti minn dawk ta' din id-Direttiva;

[…]

Billi, għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, il-lista ta' klawżoli annessa tista' tkun ta' valur indikattiv biss u, minħabba l-kawża tal-karattru minimali tad-Direttiva, l-iskop ta' dawn il-klawżoli jista' jkun is-suġġett ta' amplifikazzjoni jew ta' editjar aktar restrittiv mill-Istati Membri fil-liġijiet nazzjonali tagħhom;

[…]

Billi, għall-finijiet ta' din id-Direttiva, m'għandhiex issir stima [evalwazzjoni] ta' karattru inġust ta' klawżoli li jiddeskrivu l-kwistjoni prinċipali tas-suġġett tal-kuntratt u lanqas il-proporzjon bejn kwalità/il-prezz tal-merkanzija jew is-servizzi pprovduti; billi l-kwistjoni prinċipali tas-suġġett tal-kuntratt u l-proporzjon bejn kwalità/prezz jistgħu madankollu jiġu kkunsidrati meta tkun qiegħda ssir l-istima [evalwazzjoni] dwar jekk klawżoli oħra jkunux ġusti; billi jsegwi, *inter alia*, li f'kuntratti ta' assigurazzjoni, il-klawżoli li b'mod ċar jistabbilixxu jew jiċċirkoskrivu r-riskju assigurat u r-responsabbiltà ta' assiguratur m'għandhomx ikunu suġġetti għal din l-istima [evalwazzjoni] peress li dawn jiġu kkunsidrati waqt li jkun qiegħed jiġi kkalkulat il-premju li għandu jitħallas mill-konsumatur."

5. L-Artikolu 3 tad-Direttiva 93/13 jipprovdi dan li ġej:

"1. Klawżola kuntrattwali li ma tkunx ġiet negozjata individwalment għandha titqies inġusta jekk, kontra l-ħtieġa ta' buona fede, tkun tikkawża żbilanċ sinifikanti fid-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet li joħorġu mill-kuntratt, bi ħsara għall-konsumatur.

2. Klawżola għandha dejjem tiġi kkunsidrata li ma tkunx ġiet innegozjat individwalment meta din tkun ġiet abbozzata minn qabel u l-konsumatur b'hekk ma jkunx seta' jinfluwenza s-sustanza tal-klawżola, b'mod partikolari fil-kuntest ta' kuntratt standard imfassal minn qabel.

Il-fatt li ċerti aspetti ta' klawżola jew klawżola speċifika waħda tkun ġiet innegozjata individwalment m'għandux jeskludi l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għall-bqija ta' kuntratt jekk stima [evalwazzjoni] globali tal-kuntratt tindika li dan ikun madankollu kuntratt standard imfassal minn qabel.

Meta xi bejjiegħ jew fornitur jippretendi li klawżola standard ikun ġie nnegozjat b'mod individwali, il-piż tal-prova f'dan ir-rigward għandu jaqa' fuqu.

3. L-Anness għandu jkun fih lista indikattiva u mhux eżawrjenti tal-klawżoli li jistgħu jiġu kkunsidrati inġusti."

6. L-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13 jistabbilixxi dan li ġej:

"L-istima [evalwazzjoni] tan-natura inġusta tal-klawżoli la għandha tirrelata mad-definizzjoni tal-kwistjoni prinċipali tas-suġġett tal-kuntratt u lanqas mas-suffiċjenza tal-prezz u r-remunerazzjoni, fuq naħa waħda, kontra s-servizzi jew il-merkanzija provduti bi tpartit, fuq in-naħa l-oħra, safejn dawn il-klawżoli jkunu f'lingwaġġ sempliċi u ċar."

7. L-Artikolu 8 tad-tad-Direttiva 93/13 jipprovdi li:

"L-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu l-aktar disposizzjonijiet stretti kompatibbli mat-Trattat fil-qasam kopert minn din id-Direttiva, biex jiżguraw grad massimu ta' protezzjoni għall-konsumatur."

B — *Il-leġiżlazzjoni nazzjonali*

8. L-Artikolu 10a(1) tal-Liġi Ġenerali 26/1984, tad-19 ta' Lulju 1984, dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi u tal-utenti (Ley 26/1984 general para la defensa de consumidores y usuarios), introdott bil-Liġi 7/1998, tat-13 ta' April 1998, dwar il-kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratti, jistabbilixxi dan li ġej fir-rigward tal-kunċett ta' klawżoli inġusti:

"Għandhom jiġu kkunsidrati bħala klawżoli inġusti dawk il-klawżoli kollha li ma ġewx innegozjati individwalment li, minkejja r-rekwiżit ta' *bona fide*, jiddeterminaw żbilanċ sostanzjali għad-dannu tal-konsumatur fid-drittijiet u fl-obbligi tal-partijiet għall-kuntratt. Fi kwalunkwe każ, għandhom jiġu kkunsidrati bħala klawżoli inġusti d-dispożizzjonijiet kuntrattwali stabbiliti fid-dispożizzjoni addizzjonali ta' din il-liġi."

9. L-Artikolu 8(2) tal-Liġi 7/1998 tat-13 ta' April 1998 dwar il-kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratti, jipprovdi għan-nullità tal-klawżoli inġusti:

"B'mod partikolari, għandhom ikunu nulli l-kundizzjonijiet ġenerali inġusti li jiġu inklużi fil-kuntratti konklużi ma' konsumatur, fosthom, fi kwalunkwe każ, dawk iddefiniti mill-Artikolu 10a u mill-ewwel dispożizzjoni addizzjonali tal-Liġi Ġenerali 26/1984 tad-19 ta' Lulju 1984 dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi u tal-utenti."

10. L-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13 ma ġiex traspost fl-ordinament ġuridiku Spanjola.

## III — Il-fatti li wasslu għall-kawża, il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

11. Ir-rikorrent fil-kawża prinċipali kien jikkonkludi mal-klijenti tagħha kuntratti ta' kreditu għax-xiri ta' proprjetà immobbli b'garanzija ipotekarja fuqhom. Dawn il-kuntratti ta' kreditu kienu jipprovdu b'mod dettaljat għal rata ta' interessi nominali varjabbli u li kellha tiġi rriveduta kull tant żmien skont ir-rata ta' riferiment miftiehma. Il-kuntratti kienu jipprovdu wkoll għal klawżola standard, li kienet tgħid li r-rata tal-interessi dovuti mill-persuna li tirċievi l-kreditu, diġà mill-ewwel reviżjoni, kellha tiġi arrotondata għal kwart ta' punt perċentwali 'l fuq kull darba li l-varjazzjoni fir-rata kienet ikbar minn 0.25 %.

12. Skont il-konvenuta fil-kawża prinċipali, l-imsemmija klawżola, magħrufa fil-prassi bankarja bħala "klawżola ta' arrotondament", ma kinitx innegozjata individwalment mal-persuni li jirċievu l-kreditu u għaldaqstant hija nulla, skont l-Artikolu 8(2) moqrija flimkien mal-Artikoli 1, 2 u 10a(1) tal-Liġi Ġenerali Spanjola 26/1984, tad-19 ta' Lulju 1984, dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi u tal-utenti. Għal din ir-raġuni, hija ppreżentat rikors intiż sabiex tikseb l-annullament tal-klawżola u l-inibizzjoni mill-ftehim ta' krediti li jinkludu l-imsemmija klawżola.

13. Ir-rikorrent fil-kawża prinċipali talab li t-talba tiġi miċħuda. Huwa sostna li l-arrotondament tar-rata tal-interessi huwa regola sabiex jiġi ddeterminat element essenzjali tal-kuntratt ta' kreditu. L-interessi nominali huma l-korispettiv li l-persuna li tirċievi l-kreditu għandha l-obbligu li tħallas għall-kapital li tirċievi. L-istħarriġ tan-natura inġusta ipprovdut mid-dritt Spanjol imur kontra l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13, peress li ma tistax issir evalwazzjoni tan-natura inġusta jekk dawn il-klawżoli jkunu fformulati f'lingwaġġ sempliċi u ċar.

14. Il-Qorti tal-Prim'Istanza Spanjola, permezz ta' sentenza tal-11 ta' Settembru 2001, iddeċidiet li l-"klawżola ta' arrotondament" ma kinitx kompatibbli mal-Liġi Spanjola dwar il-kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratti. Din is-sentenza ġiet ikkonfermata f'sede ta' appell permezz tas-sentenza tal-10 ta' Ottubru 2002 tal-Audiencia Provincial ta' Madrid. Ir-rikorrent fil-kawża prinċipali ippreżenta rikors fil-kassazzjoni quddiem il-qorti tar-rinviju.

15. It-Tribunal Supremo iqis li huwa meħtieġ li jiġi ċċarat ir-*ratio* tal-Artikoli 4(2) u 8 tad-Direttiva 93/13 moqrija flimkien mal-Artikoli 2, 3(1)(g) u 4(1) KE, sabiex tkun tista' tiġi evalwata r-rilevanza li għandhom mill-aspett ġuridiku u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' traspożizzjoni fl-ordinament ġuridiku Spanjol tal-ewwel dispożizzjoni msemmija, fil-verżjoni rilevanti għall-appell. Għaldaqstant, it-Tribunal Supremo ssospenda l-proċeduri quddiemu u ressaq

id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

1) "L-Artikolu 8 tad-Direttiva 93/13/KEE [...] tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, għandu jiġi interpretat fis-sens li Stat Membru jista' jistabbilixxi, fil-liġi tiegħu u għall-benefiċċju tal-konsumatur, stħarriġ tan-natura inġusta ta' dawk il-klawżoli li l-istħarriġ tagħhom ma jaqax taħt l-Artikolu 4(2) ta' din id-Direttiva?

2) Konsegwentement, l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13 tal-5 ta' April 1993, flimkien mal-Artikolu 8 tagħha, jipprekludi lil Stat Membru milli jistabbilixxi fis-sistema legali tiegħu, u għall-benefiċċju tal-konsumatur, stħarriġ tan-natura inġusta tal-klawżoli li jirreferu għad-'definizzjoni tal-kwistjoni prinċipali tas-suġġett tal-kuntratt' jew is-'suffiċjenza tal-prezz u r-remunerazzjoni, fuq naħa waħda, kontra s-servizzi jew il-merkanzija provduti bi tpartit' għalkemm miktuba b'mod ċar u li jinftiehem?

3) Interpretazzjoni tal-Artikoli 8 u 4(2) ta' din id-Direttiva li tippermetti lil Stat Membru stħarriġ ġudizzjarju tan-natura inġusta tal-klawżoli li jinsabu fil-kuntratti konklużi minn konsumaturi u miktuba b'mod ċar u li jinftiehem, li jiddefinixxu bħala s-suġġett prinċipali tal-kuntratt jew l-adegwazzjoni bejn il-prezz u r-remunerazzjoni, minn naħa, jew is-servizzi u l-merkanzija li jiġu pprovduti bi tpartit, hija kompatibbli mal-Artikoli 2, 3(1)(g) u 4(1) tat-Trattat KE?"

## IV — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

16. Id-digriet tar-rinviju, bid-data tal-20 ta' Ottubru 2008, wasal fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-11 ta' Novembru 2008.

17. Il-partijiet fil-kawża prinċipali, il-Gvern tar-Repubblika Portugiża, il-Gvern tar-Repubblika Awstrijaka, il-Gvern tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-Gvern tar-Renju ta' Spanja flimkien mal-Kummissjoni ressqu osservazzjonijiet bil-miktub fit-terminu pprovdut mill-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja.

18. Ir-rappreżentanti tal-partijiet fil-kawża prinċipali, tal-Gvern tar-Renju ta' Spanja u tal-Kummissjoni kienu preżenti waqt is-seduta tal-10 ta' Settembru 2009 sabiex jagħmlu s-sottomissjonijiet orali tagħhom.

## V — L-argumenti prinċipali tal-partijiet

19. Il-*konvenuta fil-kawża prinċipali*, il-*Gvern Ġermaniż u dak Spanjol* kif ukoll il-*Kummissjoni* jenfasizzaw li d-Direttiva għandha l-għan li tikseb armonizzazzjoni minima.

20. Il-*konvenuta fil-kawża prinċipali* u l-*Kummissjoni* jsostnu li n-nuqqas ta' traspożizzjoni tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13 jirrifletti r-rieda tal-leġiżlatur nazzjonali li jżid, skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 93/13, il-protezzjoni tal-konsumaturi, biex b'hekk l-istħarriġ tal-kontenut jkun estiż anki għall-klawżoli li jikkonċernaw id-definizzjoni tal-kwistjoni prinċipali tas-suġġett tal-kuntratt.

21. Tali interpretazzjoni hija kkonfermata mir-Rapport tal-Kummissjoni tas-27 ta' April 2000 dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 [COM (2000) 248], li minnu ma tista' tiġi dedotta ebda oġġezzjoni fil-konfront tan-nuqqas ta' traspożizzjoni tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13, fejn saħansitra f'dan ir-rapport ittieħdet saħansitra inkunsiderazzjoni l-possibbiltà li dik id-dispożizzjoni tad-Direttiva titħassar.

22. Min-naħa tiegħu, il-*Gvern Ġermaniż* jiddeduċi min-natura minima tal-armonizzazzjoni mixtieqa li jekk il-klawżoli li jikkonċernaw elementi essenzjali tal-kuntratt jiġu fformulati b'lingwaġġ sempliċi u ċar, dawn ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, u b'hekk l-Istati Membri jkunu liberi li jestendu l-evalwazzjoni tan-natura inġusta anki fir-rigward tagħhom.

23. Skont il-Gvern Ġermaniż, interpretazzjoni sistematika u teleoloġika tad-Direttiva tikkonferma dan l-argument. Peress li l-prinċipju ġenerali stabbilit fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 93/13 jiġi applikat għad-dispożizzjonijiet kollha ta' qablu, l-Artikolu 4 tad-Direttiva 93/13 ma jistax jikkostitwixxi deroga minn tali prinċipju.

24. Il-*Gvern Awstrijak* isostni li interpretazzjoni differenti tad-Direttiva tikkostitwixxi indħil sproporzjonat fil-liġijiet dwar il-kuntratti tal-Istati Membri. Dan jimplika li l-kunċetti ġuridiċi tad-dritt ċivili ma jkunux jistgħu jiġu applikati għal klawżoli inġusti ladarba dawn jikkonċernaw id-definizzjoni tas-suġġett prinċipali tal-kuntratt. B'hekk, id-deċiżjoni dwar jekk, u eventwalment b'liema strumenti, dawn il-klawżoli għandhom jiġu miġġielda, għandha titħalla f'idejn l-Istati Membri.

25. Mill-eżistenza nnifisha tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 93/13, il-*Gvern Portugiż* jiddeduċi li l-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal dispożizzjonijiet iktar stretti minn dawk

ipprovduti fid-Direttiva u li jkunu kompatibbli mat-Trattat KE, sabiex ikun garantit livell ogħla ta' protezzjoni għall-konsumatur. F'dan ir-rigward, il-*Gvern Spanjol* jenfasizza li d-dispożizzjonijiet iktar stretti pprovduti mill-ordinament ġuridiku Spanjol bl-ebda mod ma huma maħsuba sabiex jgħalqu s-suq Spanjol permezz ta' ostakoli ġuridiċi li jistgħu jagħmlu iktar diffiċli l-aċċess għall-operaturi li jkunu ġejjin minn Stati Membri oħrajn. Huma għandhom pjuttost l-għan li jipproteġu lill-konsumaturi, b'mod konformi mal-għanijiet tad-Direttiva.

26. Il-*konvenuta fil-kawża prinċipali* ssostni li l-hekk imsejħa klawżola ta' arrotondament ma tikkonċernax is-suġġett prinċipali tal-kuntratt. Minkejja li din il-klawżola kuntrattwali fil-fatt tikkonċerna l-kalkolu tal-prezz, għandu wkoll jiġi kkunsidrat il-fatt li l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13, bħala dispożizzjoni derogatorja, għandu jiġi interpretat b'mod restrittiv. Barra minn hekk, il-klawżola ta' arrotondament hija ta' natura kundizzjonali, peress li l-applikazzjoni tagħha tiddependi minn ġrajja futura u inċerta, jiġifieri mill-ħtieġa ta' adegwament tar-rata tal-interessi b'0.25 %. Hija tiddikjara wkoll li abbażi tal-fatt li l-klawżola ta' arrotondament ma tikkonċerna ebda aspett essenzjali tal-kuntratt, il-kwistjoni dwar jekk Stat Membru, jistax jidderoga mill-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13, ma hijiex rilevanti.

27. *Ad abundantiam*, il-*konvenuta fil-kawża prinċipali* kif ukoll il-*Gvern Ġermaniż* u *dak Awstrijak* isostnu li l-mudell ekonomiku tal-libertà tal-impriża u tal-libertà li jiġu ffissati l-prezzijiet, skont l-għanijiet tal-Artikolu 2 KE kif ukoll tal-prinċipji tal-kompetizzjoni libera, stabbiliti fl-Artikoli 3(1)(g) KE u 4(1) KE, huwa limitat, fi Stat tad-dritt soċjali, mill-protezzjoni ta' ċerti interessi ġenerali, fosthom il-protezzjoni tad-drittijiet u tal-interessi ekonomiċi tal-konsumaturi.

28. Il-*Kummissjoni* taqbel mal-konvenuta fid-dubji tagħha fil-kawża prinċipali fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk il-klawżola ta' arrotondament tikkonċernax is-suġġett prinċipali tal-kuntratt, u għaldaqstant tistaqsi jekk id-domandi preliminari humiex rilevanti għad-deċiżjoni u b'hekk jekk humiex ammissibbli. Fir-rigward tal-Artikolu 4 KE, hija tenfasizza li din id-dispożizzjoni hija biss ta' natura programmatika u, kif osservat il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Échirolles Distribution [3], hija ma tistabbilix obbligi ċari u mingħajr kundizzjonijiet li għandhom jitwettqu mill-Istati Membri u li jistgħu jiġu invokati mill-individwi quddiem il-qrati nazzjonali.

29. Ir-*rikorrent fil-kawża prinċipali* jsostni argument differenti mill-bqija tal-partijiet l-oħra kollha fil-proċeduri. Huwa jsostni li l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13 huwa ta' natura mandatorja u għaldaqstant ma jistax jiġi dderogat mill-Istati Membri.

3 — Sentenza tat-3 ta' Ottubru 2000, Échirolles Distribution (C-9/99, Ġabra p. I-8207, punti 22 sa 26).

30. Insostenn tal-argument tagħha, huwa jirreferi qabel kollox għas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi [4], fejn il-Qorti tal-Ġustizzja kkundannat lill-Pajjiżi l-Baxxi għal traspożizzjoni inkompleta tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13, fir-rigward tal-ħtieġa li l-klawżoli inkwistjoni jkunu ċari u f'lingwaġġ sempliċi. Minn din is-sentenza, ir-rikorrent fil-kawża proċeduri jiddeduċi li l-imsemmija dispożizzjoni tad-Direttiva hija komplessivament ta' natura mandatorja.

31. Barra minn hekk ir-rikorrent fil-kawża prinċipali jsostni li, fid-dawl tal-fatt li d-Direttiva 93/13 għandha l-għan li toffri livell minimu ta' protezzjoni għall-konsumaturi u li, konsegwentement, ġiet redatta f'forma mandatorja u vinkolanti, din id-Direttiva hija obbligatorja. Barra minn hekk, mit-tnax u d-dsatax-il premessa tad-Direttiva jirriżulta li l-leġiżlatur Komunitarju pprova jistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-konsumaturi, b'mod partikolari permezz tal-esklużjoni ta' dawk il-klawżoli li jikkonċernaw is-suġġett prinċipali tal-kuntratt jew id-distribuzzjoni ekwa tar-relazzjoni bejn il-kwalità u l-prezz u li ġew innegozjati individwalment. Skont ir-rikorrent fil-kawża prinċipali, armonizzazzjoni minima ma teskludix li ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva jkunu ta' natura mandatorja. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat dan l-argument fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Spanja [5] fir-rigward tat-tielet sentenza tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13, li tipprovdi għal deroga mill-prinċipju tal-iktar interpretazzjoni favorevoli għall-konsumatur.

32. In-natura mandatorja tal-Artikolu 4(2) hija kkonfermata barra minn hekk mill-oriġini tad-Direttiva 93/13. Il-proposta oriġinali tal-Kummissjoni fil-fatt ma kinitx tinkludi dispożizzjoni ta' din ix-xorta. Hija ġiet inkluża biss sussegwentement, li jipprova li stħarriġ ġudizzjarju tal-elementi essenzjali ta' kuntratt kien jitqies bħala inkompatibbli mal-liġi dwar il-kuntratti, li hija bbażata fuq il-prinċipju ta' awtonomija fid-dritt privat, kif ukoll fuq il-prinċipji ta' ekonomija tas-suq u ta' kompetizzjoni libera.

33. Barra minn hekk ir-rikorrent fil-kawża prinċipali jirreferi għall-iktar inizjattivi reċenti tal-Kummissjoni bil-għan li jiġi vverifikat l-acquis Komunitarju dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi, li jikkonfermaw kemm huwa importanti li jiġi eskluż stħarriġ ġudizzjarju tal-klawżoli essenzjali tal-kuntratt. Hija tirreferi, b'mod partikolari, għall-Green Paper dwar ir-Reviżjoni tal-Acquis tal-Konsumatur [6] kif ukoll għall-Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar drittijiet tal-konsumatur [7], li t-tnejn li huma jissuġġerixxu esklużjoni tal-istħarriġ tal-kontenut skont l-Artikolu 4(2) u jipprovdu

4 — Sentenza tal-10 ta' Mejju 2001, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi (C-144/99, Ġabra p. I-3541).

5 — Sentenza tad-9 ta' Settembru 2004, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-70/03, Ġabra p. I-7999, punt 17).

6 — Green Paper dwar ir-Reviżjoni tal-Acquis tal-Konsumatur (KUMM/2006/744 finali).

7 — Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar drittijiet tal-konsumatur (KUMM/2008/614 finali).

konferma permezz ta' armonizzazzjoni kompleta.

34. *Ad abundantiam*, ir-rikorrent fil-kawża prinċipali jenfasizza li, anki f'każ li l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13 ma huwiex ta' natura vinkolanti, l-Istati Membri ma jistgħu jipprovdu ebda stħarriġ ġudizzjarju tal-klawżoli essenzjali tal-kuntratt mingħajr ma fl-istess waqt jiksru l-prinċipji, stabbiliti fit-Trattat KE, ta' kompetizzjoni libera u ta' ekonomija libera tas-suq. Dan jispiċċa biex fil-fatt jippermetti li l-bilanċ bejn l-offerta u d-domanda jissuġġetta ruħu għal stħarriġ ġudizzjarju sabiex tiġi kkonstatata n-natura inġusta tiegħu. Barra minn hekk, ir-rikonoxximent ta' kompetenza ġudizzjarja għall-evalwazzjoni tas-suġġett prinċipali ta' kuntratt jimplika r-rilevanza, fis-suq uniku Ewropew, ta' kundizzjonijiet kummerċjali differenti.

35. Fl-aħħar nett, ir-rikorrent fil-kawża prinċipali tiddubita jekk estensjoni tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-kontenut tal-kuntratt tistax tabilħaqq tiżgura livell ogħla ta' protezzjoni għall-konsumatur skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 93/13, iktar u iktar peress li s-sanzjoni applikata għal klawżola inġusta hija n-nullità tal-istess klawżola u hemm riskju reali li n-nullità tiġi estiża għall-kuntratt kollu, jekk il-klawżola li għandha tiġi kkunsidrata bħala inġusta, u li mingħajrha ma jistax jiġi eżegwit il-kuntratt, tikkonċerna d-definizzjoni tas-suġġett prinċipali ta' dan il-kuntratt. Is-sistema ta' protezzjoni introdotta mid-Direttiva 93/13 hija bbażata fuq il-kunsiderazzjoni bażika li l-konsumatur jinsab f'sitwazzjoni ta' inugwaljanza, li għandha tiġi korretta, madankollu mingħajr ma jirriżultaw dubji dwar l-istabbiltà tal-kuntratt.

36. Waqt is-seduta, il-*Gvern Spanjol* prinċipalment ressaq argumenti kontra l-argument sostnut mir-rikorrent fil-kawża prinċipali, dwar l-allegata natura mandatorja tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13 kif ukoll dwar id-definizzjoni tal-klawżola ta' arrotondament inkwistjoni bħala parti mis-suġġett prinċipali tal-kuntratt. Filwaqt li tbiegħed mis-soluzzjoni li ssuġġerixxa inizjalment waqt il-proċedura bil-miktub, huwa barra minn hekk stieden lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tosserva li stħarriġ estensiv tan-natura inġusta fir-rigward tas-suġġett prinċipali tal-kuntratt, liema stħarriġ huwa bħala prinċipju eskluż mill-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13, huwa kompatibbli mad-Direttiva kif ukoll mal-prinċipji rrikonoxxuti fit-Trattat KE.

37. *Ad abundantiam*, il-Gvern Spanjol jissuġġerixxi minflok li r-risposta għad-domandi preliminari tingħata fis-sens li klawżola kuntrattwali bħall-klawżola ta' arrotondament inkwistjoni ma għandiex

tkun inkluża fost dak it-tip ta' klawżoli esklużi, skont l-Artikolu 4(2), mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13.

## VI — Kunsiderazzjonijiet ġuridiċi

### A — *Osservazzjonijiet preliminari*

38. L-għan tad-Direttiva 93/13 huwa li tipproteġi lill-konsumatur mill-iżvantaġġi li jirriżultaw mill-pożizzjoni tipika tiegħu ta' inferjorità kuntrattwali meta pparagunat mal-imprendituri. Fl-imgħoddi, l-imprendituri sfruttaw il-poter ekonomiku tagħhom biex iqiegħdu lill-konsumatur fi żvantaġġ billi rrediġew kuntratti standard u, sostnew il-libertà kuntrattwali, sabiex iqiegħdu r-riskji fuq il-kontroparti kuntrattwali. Id-Direttiva għandha l-għan li tiskoraġġixxi dan l-abbuż ta' poter [8].

39. Id-Direttiva 93/13 tikkonċerna problema ċentrali tad-dritt privat, jiġifieri, min-naħa waħda, il-kunflitt bejn l-awtonomija fid-dritt privat [9], u min-naħa l-oħra, il-protezzjoni tal-parti kontraenti l-iktar dgħajfa, jiġifieri l-konsumatur. Filwaqt li tippermetti stħarriġ ġudizzjarju tal-klawżoli inġusti, id-Direttiva 93/13 tillimita b'mod kunsiderevoli l-prinċipju tal-libertà kuntrattwali favur il-konsumatur [10]. Dan l-indħil pubbliku fl-awtonomija tad-dritt privat jiġġustifika ruħu fuq il-bażi tal-osservazzjoni li, fil-qasam tal-kuntratti standard, il-poter ekonomiku huwa mqassam b'mod asimmetriku. Il-kuntratti jiġu fformulati minn qabel mill-impriżi u jiġu imposti b'mod unilaterali lill-konsumatur, mingħajr ma dan ikollu l-possibbiltà li jinnegozja b'mod dettaljat il-kundizzjonijiet tal-kuntratt. Il-prinċipju tal-awtonomija fid-dritt privat ma jibqax fil-fatt iggarantit, peress li l-konsumatur bl-ebda mod ma jista'

8 — Ara d-disa' premessa tad-Direttiva.

9 — Fid-duttrina, il-libertà kuntrattwali tinftiehem bħala l-ogħla espressjoni tal-awtonomija fid-dritt privat u għalhekk bħala garanzija individwali. Dwar l-awtonomija fid-dritt privat, ara, mill-aspett ġuridiku-komparattiv, fid-duttrina Ġermaniża lil K. Larenz, M. Wolf, *Allgemeiner Teil des bürgerlichen Rechts*, id-disa' edizzjoni, München 2004, punt 2; fid-dritt Awstrijak H. Koziol, R. Welser, "Grundriss des bürgerlichen Rechts". Vol. I: *Allgemeiner Teil — Sachenrecht — Familienrecht*, il-11-il edizzjoni, Vjenna 2000, p. 84; fid-dritt Franċiż lil J.-L. Aubert, É. Savaux, *Les obligations. 1. Acte juridique*, it-12-il edizzjoni, Pariġi 2006, p. 72, punt 99; u fid-dritt Spanjol lil L. Recht Díez-Picazo/A. Gullón, *Sistema de derecho civil*, Vol. I, l-10 edizzjoni, Madrid 2002, p. 369 *et seq*. Skont J. Basedow, "Die Europäische Union zwischen Marktfreiheit und Überregulierung — Das Schicksal der Vertragsfreiheit", *Sonderdruck aus Bitburger Gesprächen Jahrbuch 2008/I*, München 2009, p. 103, il-libertà kuntratwali diġà hija rikonoxxuta bħala prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju Ewropew. Fis-sentenza tad-9 ta' Marzu 2006, Werhof (C-499/04, Ġabra p. I-2397, punt 23) il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li "kuntratt huwa kkaratterizzat mill-prinċipju ta' l-awtonomija tal-volontà, li b'mod partikolari jgħid li l-partijiet huma ħielsa li jikkommettu ruħhom lejn xulxin."

10 — Ara l-konklużjonijiet tiegħi ppreżentati fl-14 ta' Mejju 2009 fil-kawża Asturcom (C-40/08, punt 47).

jinfluwenza l-kontenut tal-kuntratt [11]. Dan jagħti leġittimità lil indħil min-naħa tal-Istat fil-libertà kuntrattwali tal-partijiet, sabiex tiġi ggarantita l-ikbar korrettezza kuntrattwali possibbli [12].

40. Madankollu, id-Direttiva 93/13, ma tasalx sal-punt li tannulla għalkollox l-awtonomija fid-dritt privat, peress li l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva jeskludi mill-evalwazzjoni tan-natura inġusta l-klawżoli li jikkonċernaw id-"definizzjoni tal-kwistjoni prinċipali tas-suġġett tal-kuntratt" jew is-"suffiċjenza tal-prezz u r-remunerazzjoni, fuq naħa waħda, kontra s-servizzi jew il-merkanzija provduti bi tpartit, fuq in-naħa l-oħra". Il-konsumatur ma għandux ikun protett b'mod ġenerali mill-konklużjoni ta' negozju żvantaġġjuż. Fir-rigward tas-servizzi prinċipali, huwa jiġi pjuttost ikkunsidrat li huwa protett biżżejjed permezz tal-kompetizzjoni.

41. Kif ġie osservat fil-parti inizjali ta' dawn il-konklużjonijiet [13], dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jikkonċerna prinċipalment il-kwistjoni dwar jekk id-Direttiva 93/13 tagħtix lill-Istati Membri s-setgħa li jestendu, permezz tal-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali korrispondenti jew — bħal fil-każ tar-Renju ta' Spanja — permezz tan-nuqqas ta' traspożizzjoni tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva fid-dritt nazzjonali, il-portata tal-evalwazzjoni ġuridika tal-klawżoli kuntrattwali mill-aspett tan-natura inġusta tagħhom, ipprovduta fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva, anki fir-rigward tat-tipi ta' klawżoli msemmija fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva. Dan jiddependi prinċipalment mir-risposta għad-domanda dwar x'inhi eżattament il-funzjoni tal-Artikolu 4(2) fi ħdan id-Direttiva 93/13 u dwar x'inhi r-relazzjoni bejn din id-dispożizzjoni u l-Artikolu 8 tad-Direttiva. Peress li bosta punti tal-ewwel żewġ domandi preliminari huma sostanzjalment simili, ikun opportun, għal finijiet ta' ċarezza, li dawn jiġu ttrattati flimkien.

42. Sussegwentement, għandha tiġi diskussa t-tielet domanda preliminari, li essenzjalment tikkonċerna l-kompatibbiltà mal-prinċipji ta' ekonomija tas-suq miftuħa u ta' kompetizzjoni libera, stabbiliti mid-dritt primarju, ta' stħarriġ estensiv tal-kontenut

11 — Ara s-sentenzi tas-27 ta' Ġunju 2000, Océano Grupo Editorial u Salvat Editores (C-240/98 sa C-244/98, Ġabra p. I-4941, punt 25); kif ukoll tas-26 ta' Ottubru 2006, Mostaza Claro (C-168/05, Ġabra p. I-10421, punt 25). F'dik is-sede, il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest ta' interpretazzjoni tal-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 93/13 osservat li "[i]s-sistema ta' protezzjoni implementata mid-direttiva hija bbażata fuq l-idea li l-konsumatur jinsab f'sitwazzjoni ta' inferjorità meta mqabbel mal-bejjiegħ jew il-fornitur, għal dak li jikkonċerna kemm is-setgħa ta' negozjar kif ukoll il-livell ta' informazzjoni, sitwazzjoni li ġġiegħlu jaderixxi għall-kundizzjonijiet stabbiliti minn qabel mill-bejjiegħ jew fornitur, mingħajr ma jista' jeżerċita ebda influwenza fuq il-kontenut tagħhom".

12 — Ara, f'dan is-sens I. Tilmann, *Die Klauselrichtlinie 93/13/EWG auf der Schnittstelle zwischen Privatrecht und öffentlichem Recht — Eine rechtsvergleichende Untersuchung zum Europarecht*, München 2003, p. 8. J. Basedow (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9, p. 102), ifakkar li l-leġiżlazzjoni Komunitarja fil-qasam tal-liġi tal-kuntratti hija dovuta għar-rieda tal-politika tad-dritt li jiġu miġġielda l-iżbalji individwali tal-ħajja ekonomika permezz tal-istrumenti tat-teknika leġiżlattiva. Minn dan il-fatt, l-awtur jiddeduċi li l-prinċipju Komunitarju tal-libertà kuntrattwali ma għandux natura individwali iżda politika: sakemm il-kompetizzjoni tillimita l-eżerċizzju eċċessiv tal-poter ekonomiku, l-awtonomija fid-dritt privat u l-libertà kuntrattwali jaqgħu taħt l-interess pubbliku. Sakemm in-nuqqasijiet fis-suq ma jippermettux li jiġu stabbiliti relazzjonijiet ta' kompetizzjoni, l-indħil min-naħa tal-Istat fil-libertà kuntrattwali huwa legali.

13 — Ara l-punt 2 ta' dawn il-konklużjonijiet.

tal-klawżoli kuntrattwali kif ingħad iktar 'il fuq.

B — *Fuq l-ammissibbiltà tar-rinviju*

43. Madankollu, qabel kollox għandha tiġi eżaminata l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari, peress li kemm il-Kummissjoni kif ukoll il-konvenuta fil-kawża prinċipali għandhom xi dubji fir-rigward tar-rilevanza tad-domandi preliminari biex tinstab soluzzjoni għall-kwistjoni fil-kawża prinċipali.

44. Fil-fatt, iż-żewġ partijiet qed jiddubitaw jekk il-klawżola ta' arrotondament kontenzjuża tikkonċernax is-suġġett prinċipali tal-kuntratt jew id-distribuzzjoni ekwa bejn il-prezz u s-servizz. Huma jirreferu għall-ġurisprudenza tal-qrati Spanjoli kif ukoll għall-argument sostnut mill-Kummissjoni fir-Rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 tal-5 ta' April 1993 [14], li fih jingħad li l-klawżoli li jistabbilixxu l-metodi ta' kalkolu jew kif għandhom jiġu mmodifikati l-prezzijiet huma għalkollox suġġetti għall-istħarriġ ipprovdut mid-Direttiva 93/13.

45. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali stabbilita mill-Artikolu 234 KE għandha tkun esklużivament il-qorti nazzjonali, li quddiemha tressqet il-kawża u li trid tassumi r-responsabbiltà għad-deċiżjoni ġudizzjarja li għandha tingħata, li tevalwa, fid-dawl tal-fatti partikolari tal-kawża li hemm pendenti quddiemha, kemm il-ħtieġa għal deċiżjoni preliminari biex tkun tista' tagħti s-sentenza tagħha, kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li se tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja [15].

46. Jekk id-domandi li tagħmel il-qorti nazzjonali jikkonċernaw l-interpretazzjoni ta' regola tad-dritt Komunitarju, il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-prinċipju, għandha tagħti deċiżjoni [16], sakemm ma jidhirx b'mod manifest li t-talba għal deċiżjoni preliminari fil-verità hija intiża sabiex twassalha sabiex tagħti deċiżjoni permezz ta' kontenzjuż fittizju jew sabiex tagħti parir dwar kwistjonijiet ġenerali jew astratti, fejn l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt Komunitarju ma għandhiex x'taqsam mal-fatti reali jew mas-suġġett tal-kawża, jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex għad-dispożizzjoni tagħha l-elementi ta' fatt u ta' dritt neċessarji sabiex

14 — Rapport mill-Kummissjoni tas-27 ta' April 2000 dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, KUMM/2000/248 finali, p. 17.

15 — Ara, *inter alia*, is-sentenzi tat-18 ta' Ottubru 1990, Dzodzi (C-297/88 u C-197/89, Ġabra p. I-3763, punti 33 u 34); tat-8 ta' Novembru 1990, Gmurzynska-Bscher (C-231/89, Ġabra p. I-4003, punti 18 u 19); tas-17 ta' Lulju 1997, Leur-Bloem (C-28/95, Ġabra p. I-4161, punt 24); tad-29 ta' Jannar 2008, Promusicae (C-275/06, Ġabra p. I-271, punt 36); u tat-12 ta' Frar 2008, Kempter (C-2/06, Ġabra p. I-411, punt 42).

16 — Ara, *inter alia*, is-sentenzi tat-13 ta' Marzu 2001, PreussenElektra (C-379/98, Ġabra p. I-2099, punt 38); tat-22 ta' Mejju 2003, Korhonen *et* (C-18/01, Ġabra p. I-5321, punt 19); tal-5 ta' Frar 2004, Schneider (C-380/01, Ġabra p. I-1389, punt 21); tad-19 ta' April 2007, Asemfo (C-295/05, Ġabra p. I-2999, punt 30); u tat-23 ta' April 2009, VTB-VAB (C-261/07 u C-299/07, p. I-2949, punt 32).

tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha [17].

47. Il-qorti tar-rinviju tqis li sabiex tagħti deċiżjoni dwar l-appell pendenti quddiemha, huma espliċitament rilevanti d-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 4 u 8 tad-Direttiva 93/13 [18]. Irrispettivament minn dan, ma hemmx elementi insostenn tal-argument li d-domandi preliminari b'mod ċar ma għandhom ebda relazzjoni mat-termini reali jew mas-suġġett tal-kawża.

48. Fid-digriet tar-rinviju tagħha, il-qorti inkwistjoni tenfasizza barra minn hekk li d-dubji li jikkonċernaw l-interpretazzjoni tad-Direttiva 93/13 huma bbażati fuq il-fatt li r-Renju ta' Spanja, bħal Stati Membri oħrajn, meta bbaża ruħu fuq l-awtorizzazzjoni stabbilita fl-Artikolu 8 tad-Direttiva, irrinunzja għal traspożizzjoni fid-dritt nazzjonali tal-Artikolu 4(2), li jipprovdi għal esklużjoni tal-istħarriġ tal-kontenut tal-klawżoli tal-kuntratt [19]. Jekk it-talba għal deċiżjoni preliminari tiġi evalwata skont il-fatti magħrufa, il-qorti tar-rinviju għaldaqstant qed titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża fejn jinsabu l-limiti għall-istħarriġ tal-kontenut tal-klawżoli kuntrattwali impost mid-dritt Komunitarju, u jekk l-Istati Membri jistgħux eventwalment jestendu dan l-istħarriġ mingħajr ma jiksru d-dritt Komunitarju [20].

49. Fir-rigward tal-argument tal-Kummissjoni u tal-konvenuta fil-kawża prinċipali għandu jiġi kkunsidrat, b'relazzjoni għall-inammissibbiltà tar-rinviju, li l-kwistjoni dwar jekk il-klawżola ta' arrotondament taqax fil-fatt taħt il-kunċett ta' "definizzjoni tal-kwistjoni prinċipali tas-suġġett tal-kuntratt", skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 93/13, ma hijiex kwistjoni ta' ammissibbiltà, iżda pjuttost ta' definizzjoni u għalhekk din tikkonċerna l-applikazzjoni f'sede ġudizzjarja tad-dritt Komunitarju għall-kawża prinċipali.

50. Fid-dawl ta' dak kollu li ngħad iktar 'il fuq, ir-rilevanza tad-domandi preliminari għall-finijiet tad-deċiżjoni tal-kawża prinċipali għandha tiġi rrikonoxxuta. Għaldaqstant, ir-rinviju għandu jiġi kkunsidrat bħala ammissibbli.

17 — Ara, *inter alia*, is-sentenzi tas-16 ta' Diċembru 1981, Foglia vs Novello (244/80, Ġabra p. 3045, punt 18); tal-15 ta' Ġunju 1995, Zabala Erasun *et* (C-422/93 sa C-424/93, Ġabra p. I-1567, punt 29); tal-15 ta' Diċembru 1995, Bosman (C-415/93, Ġabra p. I-4921, punt 61); tat-12 ta' Marzu 1998, Djabali (C-314/96, Ġabra p. I-1149, punt 19); PreussenElektra (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16, punt 39); Schneider (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16, punt 22); tal-1 ta' April 2008, Gouvernement de la Communauté française u Gouvernement wallon (C-212/06, Ġabra p. I-1683, punt 29); kif ukoll VTB-VAB (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16, punt 33).

18 — Ara p.11 tad-digriet tar-rinviju.

19 — Ara p. 12 tad-digriet tar-rinviju.

20 — Ara H.E. Brandner, "Maßstab und Schranken der Inhaltskontrolle bei Verbraucherverträgen", *Monatsschrift für Deutsches Recht*, 4/1997, p. 314; mill-istess awtur "Auslegungszuständigkeit des EuGH bei der Inhaltskontrolle von Entgeltklauseln der Banken bei Verbraucherverträgen", *Monatsschrift für Deutsches Recht*, 1/1999, p. 8, li jgħid li l-Qorti tal-Ġustizzja tirriżulta li għandha ġurisdizzjoni interpretattiva jekk l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13 eventwalment jirrestrinġi l-istħarriġ tal-kontenut b'mod differenti minn kif tagħmel il-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' implementazzjoni.

C — *L-eżami tad-domandi preliminari*

1. Fuq l-ewwel u t-tieni domandi

a) L-applikabbiltà tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 93/13

i) L-eżistenza ta' dispożizzjoni nazzjonali iktar stretta

51. Il-possibbiltà ta' deroga stabbilita mill-Artikolu 8 tad-Direttiva 93/13 tippermetti li l-Istati Membri jadottaw dispożizzjonijiet iktar stretti minn dawk ipprovduti mid-Direttiva. Il-kliem tal-Artikolu 8 ma humiex ċari fid-diversi verżjonijiet lingwistiċi tiegħu, peress li ma huwiex awtomatikament indikat sa fejn id-dritt tal-Istat Membru jista' jipprovdi dispożizzjonijiet "aktar [...] stretti". Fi kwalunkwe każ, jista' jiġi madankollu rikonoxxut li dawn għandhom ikunu dispożizzjonijiet li jiżguraw "grad massimu ta' protezzjoni għall-konsumatur".

52. Din id-dispożizzjoni tikkorrispondi għat-tnax-il premessa tad-Direttiva, li tipprovdi li l-Istati Membri għandu jkollhom l-għażla li joffru lill-konsumaturi "livell ogħla ta' protezzjoni" permezz ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jkunu iktar stretti minn dawk ta' din id-Direttiva. Għalhekk "aktar [...] stretti", skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva, huma biss dawk id-dispożizzjonijiet li juru riżultat "aktar favorevoli" għall-konsumatur meta pparagunat ma' dak li jista' jirriżulta minn applikazzjoni diretta tad-Direttiva jew mill-istandard minimu pprovdut minnha [21].

53. Biex tkun tista' tiġi applikata din id-dispożizzjoni fil-kawża prinċipali għaldaqstant, qabel xejn, jeħtieġ li estensjoni tal-istħarriġ tal-kontenut tal-klawżoli kuntrattwali għan-natura inġusta tagħhom, kif jipprovdi l-ordinament ġuridiku Spanjol permezz tar-rinunzja għal traspożizzjoni tal-limitu ta' stħarriġ stabbilit fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva, tiggarantixxi effettivament livell ogħla ta' protezzjoni għall-konsumatur. Bħala prinċipju, il-punt tat-tluq għandha tkun il-premessa li applikazzjoni tas-sistema ta' protezzjoni introdotta mid-Direttiva fis-sens li l-portata tal-istħarriġ tal-kontenut tiġi estiża għal elementi oħrajn tal-kuntratt, bħas-suġġett prinċipali tal-kuntratt jew id-distribuzzjoni ekwa tar-relazzjoni bejn il-kwalità u l-prezz, jista' jkollha effetti li jivvantaġġjaw lill-konsumatur, iktar u iktar għaliex b'dan il-mod il-konsumatur ma

21 — Ara, f'dan is-sens, T. Pfeiffer, f'*Das Recht der Europäischen Union* (edizzjoni ta' E. Grabitz/M. Hilf), Vol. IV, A5, Artikolu 8, punt 9, p. 3.

jitħalliex marbut ma' klawżoli kuntrattwali inġusti [22]. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja, f'ġurisprudenza stabbilita, iddikjarat li l-possibbiltà li l-qorti teżamina *ex officio* l-illegalità ta' klawżola tikkostitwixxi mezz xieraq sabiex jintlaħqu kemm l-għan stabbilit mill-Artikolu 6 tad-Direttiva, jiġifieri li l-konsumatur individwali ma jitħalliex ikun marbut minn klawżola inġusta, kif ukoll l-għan stabbilit mill-Artikolu 7 tad-Direttiva, peress li dan l-eżami jista' jkollu effett dissważiv u, għalhekk, jista' jikkontribwixxi biex iwaqqaf l-inklużjoni ta' klawżoli inġusti fil-kuntratti li jiġu konklużi bejn il-bejjiegħ jew il-fornitur u l-konsumaturi [23].

54. Tali miżura ta' Stat Membru toffri barra minn hekk livell ogħla ta' protezzjoni meta pparagunata mad-Direttiva 93/13, li *a priori* teskludi lil ċerti tipi ta' klawżoli minn stħarriġ tal-kontenut. Madankollu din hija biss waħda mid-diversi miżuri possibbli li jaqgħu fil-marġni ta' diskrezzjoni tal-Istati Membri sabiex tiġi ggarantita protezzjoni iktar estiża tal-konsumaturi.

55. B'hekk, id-dispożizzjonijiet nazzjonali li ġew adottati sa issa mil-leġiżlatur Spanjol għall-implementazzjoni tad-Direttiva 93/13 u li ma jipprovdux għal esklużjoni tal-istħarriġ tal-kontenut tal-klawżoli kuntrattwali bħall-Artikolu 4(2) għandhom jiġu kkunsidrati bħala "l-aktar disposizzjonijiet stretti" skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva.

ii) Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13

56. Mill-Artikolu 8 tad-Direttiva 93/13 jirriżulta li l-Istati Membri jistgħu, "fil-qasam kopert minn din id-Direttiva", jadottaw dispożizzjonijiet iktar stretti, li għandu jinftiehem fis-sens li l-użu ta' din id-dispożizzjoni tad-Direttiva jittieħed inkunsiderazzjoni biss jekk dawn ikunu dispożizzjonijiet tal-Istati Membri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. Sabiex ikun jista' jiġi evalwat jekk il-klawżola ta' arrotondament inkwistjoni hijiex ikkontemplata mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, għandu jiġi eżaminat, qabel xejn, kif id-direttiva tiddefinixxi b'mod astratt il-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* u *ratione materiae* tagħha.

— Il-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* u *ratione materiae*

57. Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 huwa stabbilit fl-Artikolu 1. Ikun hemm restrizzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* sa fejn, skont

22 — T. Pfeiffer (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 21, punt 13, p. 3) jesprimi ruħu f'termini simili, fejn jgħid li jkun hemm dispożizzjoni iktar stretta anki meta fir-rigward tal-istħarriġ tal-kontenut jiġu applikati dispożizzjonijiet iktar stretti.

23 — Sentenzi Océano Grupo Editorial u Salvat Editores (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11, punt 28); tal-21 ta' Novembru 2002, Cofidis (C-473/00, Ġabra p. I-10875, punt 32); u Mostaza Claro (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11, punt 27).

l-Artikolu 1(1), id-Direttiva tikkonċerna biss il-klawżoli fil-kuntratti konklużi bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur. Minn dan jirriżulta li l-kuntratti konklużi kemm bejn il-konsumaturi kif ukoll bejn bejjiegħa u fornituri huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae*, min-naħa tiegħu, jiġi ddefinit fis-sens li, skont l-Artikolu 1(1), moqri flimkien mal-Artikoli 2(a) u 3(1), għall-istħarriġ previst mid-direttiva huma suġġetti biss il-klawżoli inklużi fil-kuntratti mal-konsumaturi "li ma [jkunux ġew innegozjati] individwalment".

58. Fil-kawża prinċipali mhux qed jiġi kkontestat il-fatt li l-kuntratti ta' kreditu għall-akkwist ta' proprjetà immobbli li r-rikorrent fil-kawża prinċipali jikkonkludi mal-klijenti tagħha u li jinkludu l-klawżola kontenzjuża ta' arrotondament, jikkostitwixxu kuntratti bejn bejjiegħa jew fornituri u l-konsumaturi. Barra minn hekk mid-digriet tar-rinviju jirriżulta li, fid-domanda, il-punt tat-tluq huwa l-premessa li l-klawżola li hija s-suġġett tal-kawża prinċipali ma ġietx innegozjata individwalment mal-konsumatur [24]. Għaldaqstant jirriżulta li dawn il-kuntratti jaqgħu kemm fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* kif ukoll f'dak *ratione materiae* tad-Direttiva.

— Interpretazzjoni tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13

59. Madankollu, ma huwiex paċifiku jekk l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13 għandux ukoll jinftiehem bħala dispożizzjoni li tistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae*. F'każ ta' risposta fl-affermattiv, l-iktar dispożizzjonijiet stretti tal-Istati Membri, li jestendu l-portata tal-istħarriġ tal-kontenut għal dawk il-klawżoli li jikkonċernaw il-kwistjoni prinċipali tas-suġġett kif ukoll id-distribuzzjoni ekwa tar-relazzjoni bejn il-kwalità u l-prezz, ma jibqgħux jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

60. Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata abbażi tal-metodi kollha ta' interpretazzjoni li għandha għad-dispożizzjoni tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja, u fuq kollox abbażi tal-eżeġeżi storika u teleoloġika.

L-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13 bħala nukleu ċentrali tal-awtonomija fid-dritt privat

61. Eżami tal-oriġini tad-Direttiva 93/13 juri li l-proposta oriġinali tal-Kummissjoni [25] ma kinitx tipprovdi għal dispożizzjoni simili. L-introduzzjoni tagħha hija pjuttost dovuta

24 — Ara p. 9 tad-digriet tar-rinviju.

25 — Proposta tal-Kummissjoni tat-3 ta' Settembru 1990, għal direttiva tal-Kunsill dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, KUMM/90/322 finali.

għal emendi magħmula mill-Kunsill[26] fil-kuntest tal-proċedura leġiżlattiva.

62. L-inklużjoni sussegwenti tad-dispożizzjoni fil-proposta għal direttiva ġiet interpretata mid-duttrina legali bħala deċiżjoni ta' kodifikazzjoni tal-leġiżlatur Komunitarju għall-protezzjoni tal-awtonomija fid-dritt privat[27]. Id-duttrina taqbel li għandu jitqies li l-għan leġiżlattiv ta' din id-dispożizzjoni huwa li jiġi limitat l-istħarriġ ġudizzjarju tan-natura inġusta tal-klawżoli inklużi fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi, fl-interess tal-libertà ta' ġestjoni privata tal-partijiet u ta' suq li jiffunzjona bbażat fuq il-kompetizzjoni tal-prezzijiet u tas-servizzi[28].

63. Ir-restrizzjoni fuq il-portata tal-istħarriġ li saret permezz tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13 hija bbażata, skont id-duttrina, fuq il-liġijiet tas-suq. Skont il-prinċipji fundamentali ta' sistema ekonomika liberali, il-partijiet kontraenti jistabbilixxu b'mod awtonomu s-servizz u l-korrispettiv, u t-tpartit tagħhom huwa l-għan li għalih jiġi konkluż il-kuntratt. Dan huwa konformi mal-liġijiet tas-suq u tal-kompetizzjoni, li, fil-każ ta' stħarriġ dwar l-adegwatezza jew l-ekwivalenza, isiru parzjalment ineffettivi, u dan ifixkel lill-bejjiegħa jew lill-fornituri milli jadottaw imġiba tas-suq ippjanifikata f'konformità magħhom[29].

64. Minn din id-dispożizzjoni jirriżulta li l-obbligi prinċipali kif ukoll id-distribuzzjoni ekwa tar-relazzjoni bejn il-kwalità u l-prezz, skont ir-rieda tal-leġiżlatur Komunitarju, għandhom ikunu rriżervati, bħala prinċipju, għall-ftehim bejn il-partijiet u għall-offerta tas-suq korrispondenti[30]. Dan jirrifletti, sa ċertu punt, ir-relazzjoni kunfliġġenti bejn l-awtonomija fid-dritt privat u l-ħtieġa li jsiru interventi legali favur il-protezzjoni tal-konsumaturi. Id-duttrina tibbaża l-interpretazzjoni tagħha tal-Artikolu 4(2) fuq il-fatt li din id-dispożizzjoni essenzjalment tikkorispondi, fir-rigward tal-kontenut leġiżlattiv tagħha, għad-dispożizzjonijiet li kienu diġà fis-seħħ fis-sistemi legali ta' ċerti Stati Membri qabel ma ġiet adottata

26 — Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 1992, rigward l-adozzjoni tad-Direttiva dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, Dok. 8406/1/92, ĠU C 283, tal-31 ta' Ottubru 1992, p. 1, Nru 2.

27 — F'dan is-sens anki J. Schmidt-Salzer, "Leistungsbeschreibungen insbesondere in Versicherungsverträgen u Schranken der Inhaltskontrolle (AGB-Gesetz und EG-Richtlinie über missbräuchliche Klauseln in Verbraucherverträgen)", f'*Festschrift für Hans Erich Brandner zum 70. Geburtstag*, Köln 1996, p. 268.

28 — Ara, f'dan is-sens T. Pfeiffer (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 21, Artikolu 4, punt 23, p. 7); u J. Schmidt-Salzer (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 27, p. 265).

29 — Ara, f'dan is-sens S. Kohtes, *Das Recht der vorformulierten Vertragsbedingungen in Spanien*, Frankfurt-am-Main 2004, p. 52.

30 — Ara, f'dan is-sens anki I. Tilmann (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12, p. 12, nota ta' qiegħ il-paġna 64).

d-Direttiva 93/13 u li setgħu servew ta' eżempju [31].

65. Mill-aspett tekniku-ġuridiku, l-għan tas-salvagwardja ta' nukleu ċentrali ta' awtonomija fid-dritt privat jintlaħaq billi jiġu stabbiliti limiti għall-istħarriġ tan-natura inġusta tal-obbligi prinċipali; f'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-istħarriġ tal-kontenut biss jiġi limitat, b'mod tali li interpretazzjoni tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13 fid-dawl tad-dsatax-il premessa turi b'mod ċar li l-leġiżlatur Komunitarju telaq manifestament mill-premessa li anki l-klawżoli kuntrattwali li jikkonċernaw is-suġġett prinċipali jew ir-relazzjoni bejn il- kwalità u l-prezz, f'ċerti kundizzjonijiet, jistgħu ikunu ta' natura inġusta [32].

66. Bħala regola bażika, minn din id-dispożizzjoni jirriżulta li l-klawżoli fformulati b'mod sempliċi u ċar, li jistabbilixxu l-prezz jew il-portata tal-obbligi prinċipali, jiġu eżentati mill-istħarriġ tan-natura inġusta skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva 93/13. B'hekk, b'mod partikolari d-deskrizzjoni tas-servizz u r-relazzjoni ta' ekwivalenza stabbilita permezz ta' kuntratt mill-partijiet huma esklużi, bħala prinċipju, mill-istħarriġ tan-natura inġusta [33]. Iktar 'il quddiem, għandha tiġi vverifikata l-eżistenza ta' dawn is-suppożizzjonijiet fil-każ tal-klawżola ta' arrotondament inkwistjoni, li fir-rigward tagħha d-dritt Spanjol jestendi l-imsemmi stħarriġ tan-natura inġusta.

Twettiq tal-kundizzjonijiet tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13

67. Qabel kollox, premessa għall-applikabbiltà tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13 hija li l-klawżoli kuntrattwali inkwistjoni "jkunu f'lingwaġġ sempliċi u ċar". Fejn għandha x'taqsam il-kawża prinċipali, għandu jiġi osservat li, skont l-informazzjoni

31 — Ara, f'dan is-sens, *inter alia*, H. E. Brandner, "Neufassung des EG-Richtlinienvorschlags über missbräuchliche Klauseln in Verbraucherverträgen", *Zeitschrift für Wirtschaftsrecht*, 21/92, p. 1591; l-istess Brandner (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 20, p. 314); R. Damm, "Europäisches Verbrauchervertragsrecht und AGB-Recht", *Juristenzeitung*, 4/1994, p. 162. Fid-duttrina legali tiġi espressa s-suppożizzjoni li forsi l-istagħġib tal-Gvern Ġermaniż fis-sede tal-Kunsill ikkontribwew għall-esklużjoni tal-istħarriġ tal-kontenut, anki fil-kuntratti mal-konsumaturi, tal-klawżoli li jiddeskrivu s-servizzi jew li jiffissaw il-prezzijiet, skont l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13, kif ġie pprovdut ukoll mill-Artikolu 8 tal-Liġi Ġermaniża dwar il-kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratti (Deutsches Gesetz über Allgemeine Geschäftsbedingungen; iktar 'il quddiem l-"AGBG"). Il-leġiżlatur Ġermaniż għaldaqstant ħalla l-Artikolu 8 AGBG kif kien u kkunsidra li ma kienx neċessarju li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13 jiġu adegwati.

32 — Skont E. Kapnopoulou, *Das Recht der missbräuchlichen Klauseln in der Europäischen Union*, Tübingen 1997, p. 105, il-kliem tad-dsatax-il premessa jindikaw b'mod ċar li l-klawżoli kuntrattwali li jiddeskrivu s-suġġett prinċipali tal-kuntratt jistgħu jkunu inġusti.

33 — M. Coester f'*J. von Staudingers Kommentar zum Bürgerlichen Gesetzbuch*, edizzjoni 13, Berlin 1998, Artikolu 8 AGBG, punt 17, p. 179, jenfasizza li l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13 jeżenta, fir-rigward tas-settur tal-kuntratti mal-konsumaturi, is-servizzi essenzjali u r-relazzjoni ta' ekwivalenza tal-istħarriġ tal-kontenut tan-natura inġusta.

pprovduta mill-qorti tar-rinviju fid-digriet tagħha, il-konvenuta fil-kawża prinċipali ma eċċepietx il-ksur tal-prinċipju ta' trasparenza, biex b'hekk il-klawżola inkwistjoni f'din il-kawża għandha tiġi ttrattata bħallikieku hija sempliċi u ċara għall-konsumatur [34]. Għall-finijiet ta' din il-kawża għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja hija marbuta mill-konstatazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju [35].

68. Il-kwistjoni ulterjuri dwar jekk il-klawżola ta' arrotondament kontenzjuża għandhiex tiġi eskluża mill-istħarriġ tan-natura inġusta min-naħa tal-qrati Spanjoli, pereżempju għaliex jiġi kkunsidrat li din tagħmel parti mis-settur fundamentali tal-awtonomija fid-dritt privat, deskritt mill-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13, tikkonċerna, min-naħa tagħha, kif ingħad iktar 'il fuq [36], l-applikazzjoni reali ta' din id-dispożizzjoni tad-Direttiva għall-kawża prinċipali; fi kliem ieħor, hija tirreferi għall-klassifikazzjoni tal-klawżola kuntrattwali kontenzjuża skont il-kunċetti ta' "kwistjoni prinċipali tas-suġġett" u ta' "suffiċjenza bejn prodott u servizz", li jagħmlu parti mid-dritt Komunitarju u għalhekk huma suġġetti għal interpretazzjoni awtonoma.

69. Madankollu, skont ġurisprudenza stabbilita [37], fi proċedura skont l-Artikolu 234 KE, bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali jeżisti tqassim tal-kompetenzi fejn tal-ewwel għandha tinterpreta d-dritt Komunitarju filwaqt li tal-aħħar għandhom japplikawh. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex il-ġurisdizzjoni sabiex tapplika d-dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju għal każ partikolari u, għaldaqstant, sabiex tiddefinixxi d-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali b'relazzjoni għal dawn id-dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju. Madankollu, hija tista' tagħti lill-qorti nazzjonali l-elementi kollha għall-interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju li jistgħu jkunu utli lil din tal-aħħar fl-evalwazzjoni tal-effetti ta' dawn id-dispożizzjonijiet. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax tieħu pożizzjoni

34 — Ara p. 9 tad-digriet tar-rinviju.

35 — Fi proċedura għal deċiżjoni preliminari, il-ġurisdizzjoni biex jiġu kkonstatati l-fatti ta' kawża għandha tkun tal-qrati nazzjonali. Ara s-sentenza tat-12 ta' Mejju 1998, Kefalas (C-367/96, Ġabra p. I-2843, punt 22).

36 — Ara l-punt 49 ta' dawn il-konklużjonijiet.

37 — Ara s-sentenzi tas-27 ta' Marzu 1963, Da Costa (28/62 sa 30/62, Ġabra p. 60); u tat-12 ta' Frar 1998, Cordelle (C-366/96, Ġabra p. I-583, punt 9). Ara wkoll f'dan is-sens, P. Craig/G. De Búrca, *EU Law*, ir-raba' edizzjoni, Oxford 2008, p. 492, li jgħid li minkejja li l-Artikolu 234 KE, jagħti lill-Qorti tal-Ġustizzja s-setgħa li tinterpreta t-Trattat, madankollu ma jagħtihiex espressament is-setgħa li tapplikah għall-kawża prinċipali. Id-delimitazzjoni bejn interpretazzjoni u applikazzjoni tiddefinixxi t-tqassim tal-kompetenzi bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali. Fuq il-bażi ta' dan it-tqassim, il-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta t-Trattat u l-qrati nazzjonali japplikaw din l-interpretazzjoni għall-każ konkret. Skont B. Schima, *Kommentar zu EU- und EG-Vertrag* (edizzjoni ta' H. Mayer); it-12-il aġġornament, Vjenna 2003, Artikolu 234 KEE, punt 40, p. 12, għandhom ikunu l-qrati nazzjonali li japplikaw dispożizzjoni Komunitarja għall-kawża inkwistjoni. Madankollu, l-awtur jammetti li ma huwiex dejjem sempliċi li wieħed jissepara l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni mill-interpretazzjoni tagħha.

direttament dwar il-possibbiltà li jsir stħarriġ [38] u, wisq inqas, dwar il-kompatibbiltà [39] ta' klawżola mad-Direttiva 93/13. Kulma għandha tagħmel huwa li tiddeċiedi kif għandha tiġi interpreta d-Direttiva 93/13 fir-rigward tal-klawżola partikolari.

70. Għaldaqstant, għandha tkun il-qorti nazzjonali li tivverifika, jekk ikun il-każ, jekk il-klawżola ta' arrotondament inkwistjoni, fid-dawl tal-istruttura kollha tal-kuntratt u tad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jikkonċernawh, taqax taħt wieħed miż-żewġ każijiet imsemmija fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13 [40]. Minn kif inhuma fformulati d-domandi preliminari jista' jiġi dedott li l-qorti tar-rinviju tieħu manifestament inkunsiderazzjoni klassifikazzjoni tal-klawżola inkwistjoni taħt wieħed minn dawn il-każijiet u għaldaqstant qed titlaq mill-premessa tal-applikabbiltà ta' din id-dispożizzjoni tad-Direttiva fil-kawża prinċipali. Fil-fehma tiegħi ma huwiex meħtieġ li tiġi eżaminata l-kwistjoni dwar jekk din il-premessa hijiex tabilħaqq korretta [41]. Huwa minnu li l-ġurisprudenza tirrikonoxxi li għandha tkun il-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti lill-qorti nazzjonali l-elementi kollha ta' interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju li jistgħu jkunulha utli biex tagħti deċiżjoni fil-kawża li jkollha quddiemha, indipendentement mill-fatt jekk għamlitx riferiment jew le għal dan fil-formulazzjoni

38 — Ara wkoll, f'dan is-sens, W. Nassall, "Die Anwendung der EU-Richtlinie über missbräuchliche Klauseln in Verbraucherverträgen", *Juristenzeitung*, 14/1995, p. 690.

39 — Ara, f'dan is-sens P. Schlosser f'*J. von Staudingers Kommentar zum Bürgerlichen Gesetzbuch*, edizzjoni nru 13, Berlin 1998, Einleitung zum AGBG, punt 33, p. 18, li jgħid li r-rinviji għall-Qorti tal-Ġustizzja bil-għan li tiġi evalwata n-natura inġusta ta' ċerti klawżoli inklużi f'tipi partikolari ta' kuntratti huma esklużi. Ara wkoll, f'sens simili S. Whittaker, "Clauses abusives et garanties des consommateurs: la proposition de directive relative aux droits des consommateurs et la portée de l'"harmonisation complète' ", *Recueil Dalloz*, 17/2009, p. 1153, u l-ġurisprudenza ċċitata mill-Qorti tal-Ġustizzja.
F'dan ir-rigward, ara s-sentenzi tal-1 ta' April 2004, Freiburger Kommunalbauten (C-237/02, Ġabra p. I-3403, punt 22); u tal-4 ta' Ġunju 2009, Pannon (C-243/08, Ġabra p. I-4713, punt 43). F'dik is-sede, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni tal-interpretazzjoni tad-dritt Komunitarja mogħti lilha skont l-Artikolu 234 KE, hija tista' tinterpreta l-kriterji ġenerali użati mil-leġiżlatur Komunitarju biex tiddefinixxi l-kunċett ta' klawżola inġusta. Min-naħa l-oħra, hija ma tistax tagħti deċiżjonijiet rigward l-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji ġenerali għal klawżola partikolari li għandha tiġi eżaminata fid-dawl taċ-ċirkustanzi effettivi tal-każ ikkonċernat.
Fil-punti 27 sa 30 tal-konklużjonijiet tiegħu ppreżentati fil-25 ta' Settembru 2003 fil-kawża Freiburger Kommunalbauten, l-Avukat Ġenerali Geelhoed enfasizza, bir-raġun, li l-fatt li l-leġiżlatur Komunitarju jiltaq mill-prinċipju li għandhom ikunu l-awtoritajiet nazzjonali li jistabbilixxu liema klawżoli għandhom jiġu kkunsidrati inġusti jekk il-qorti Komunitarja jkollha madankollu tagħmel evalwazzjoni ta' dawn il-klawżoli, huwa inkompatibbli ma' dak li ngħad iktar 'il fuq. L-Avukat Ġenerali, li kien favur ġurisdizzjoni tal-qorti nazzjonali, argumenta, b'riferiment għat-tqassim tal-kompetenzi bejn il-Komunità u l-Istati Membri, dwar l-użu ekonomiku tar-rimedji legali kif ukoll id-differenzi bejn is-sistemi legali tal-Istati Membri.

40 — Skont T. Pfeiffer (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 21, Artikolu 4, punt 40, p. 11), l-evalwazzjoni tal-kwalifika ta' klawżola bħala waħda li tikkonċerna s-suġġett prinċipali tal-kuntratt tista' ssir biss fil-kuntest tal-istruttura kollha tal-kuntratt u ta' kif din tiġi rregolata fid-dritt nazzjonali, fejn l-interpretazzjoni tagħha għandha taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-qrati nazzjonali. Min-naħa l-oħra, għall-inqas il-karatteristiċi astratti tas-suġġett prinċipali tal-kuntratt jistgħu jiġu ċċarati mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' proċedura għal deċiżjoni preliminari.

41 — Fil-fehma tiegħi, l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13 ma jeżentax l-aspetti kollha ta' klawżola dwar il-prezzijiet mill-istħarriġ tan-natura inġusta. B'hekk, l-eżenzjoni, ma hijiex estiża għall-kontenut leġiżlattiv kollu ta' klawżola dwar il-prezzijiet, iżda biss għad-distribuzzjoni ekwa tar-relazzjoni bejn is-servizz u l-korispettiv. Barra minn hekk, aspetti oħrajn tal-klawżoli dwar il-prezzijiet ma humiex eżentati mill-istħarriġ. B'hekk, fl-Anness għad-Direttiva, id-dritt li l-prezz jiġi ffissat jew miżjud b'mod unilaterali f'mument sussegwenti, fil-preżenza ta' ċerti kundizzjonijiet, jiġi kkunsidrat bħala inġust, u għaldaqstant jista' jiġi mistħarreġ (ara l-ittra (l) tal-Anness). F'dan ir-rigward ara T. Pfeiffer (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 21, Artikolu 4, punt 31, p. 9) u E. Kapnopoulou (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 32, p. 109).

tad-domandi tagħha [42]. Bħala prinċipju, fost dawn huma inklużi anki l-kriterji maħsuba biex jaqtgħu linja bejn każ u ieħor. Madankollu ma naħsibx li huwa neċessarju li wieħed jipproċedi f'dan is-sens [43].

In-natura ġuridika tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13

— Id-delimitazzjoni tal-istħarriġ tal-kontenut

71. Mill-aspett tad-dritt Komunitarju, inqalgħet il-kwistjoni tal-konsegwenzi li jirriżultaw hekk kif jinqabżu l-limiti għall-istħarriġ iffissati f'dik id-dispożizzjoni, permezz tal-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali iktar stretti. Is-soluzzjoni tiddependi min-natura ġuridika ta' dik id-dispożizzjoni.

72. Kif enfasizzaw korrettament il-Gvernijiet tal-Ġermanja u tal-Awstrija, l-Artikolu 4(2) jagħti lok għal marġni ta' interpretazzjoni. Din id-dispożizzjoni tista' tinftiehem jew fis-sens li l-klawżoli kkonċernati minn dan il-limitu ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13, jew fis-sens li l-klawżoli kkonċernati minn dan il-limitu fil-fatt jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, iżda l-konsegwenza legali imposta mill-Artikolu 6 tad-Direttiva għal dawn il-klawżoli inġusti, jiġifieri li ma jistgħux jiġu kkontestati min-naħa tal-konsumatur, ma għandiex tapplika.

73. L-ewwel indikazzjoni turi li l-ebda waħda miż-żewġ varjanti interpretattivi ma hi preferibbli. B'mod partikolari, l-oriġini tad-Direttiva 93/13, fin-nuqqas ta' motivazzjoni espliċita min-naħa tal-Kunsill għall-emendi fil-proposta oriġinali għal direttiva, ma toffri l-ebda element insostenn ta' interpretazzjoni partikolari. Min-naħa l-oħra, dawn l-indikazzjonijiet huma pprovduti minn interpretazzjoni litterali u sistematika.

74. Kontra klassifikazzjoni tal-Artikolu 4(2) bħala dispożizzjoni li tistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-Direttiva, jixhdu qabel kollox il-kliem ta' din

42 — Ara s-sentenzi tat-12 ta' Diċembru 1990, SARPP (C-241/89, Ġabra p. I-4695, punt 8); tat-2 ta' Frar 1994, Verband Sozialer Wettbewerb, "Clinique" (C-315/92, Ġabra p. I-317, punt 7); tal-4 ta' Marzu 1999, Consorzio per la tutela del formaggio Gorgonzola (C-87/97, Ġabra p. I-1301, punt 16); tas-7 ta' Settembru 2004, Trojani (C-456/02, Ġabra p. I-7573, punt 38); u tas-17 ta' Frar 2005, Oulane (C -215/03, Ġabra p. I-1215, punt 47).

43 — Ma jidhirlix li f'dan il-każ hemm għalfejn issir delimitazzjoni eżatta bejn il-każijiet individwali, peress li fl-aħħar mill-aħħar, il-punt ta' tluq għandha tkun il-premessa tal-applikabbiltà tal-Artikolu 8 tad-Direttiva, bil-konsegwenza li l-Istati Membri, skont din l-awtorizzazzjoni, jistgħu jestendu l-portata tal-istħarriġ tal-kontenut.

id-dispożizzjoni, li jirreferu għall-"istima [evalwazzjoni] tan-natura inġusta", iżda mhux għall-applikabbiltà tal-istess Direttiva, liema fatt jindika esklużivament restrizzjoni *ratione materiae* għall-portata tal-istħarriġ tal-kontenut. Kontra dan, jixhed ukoll il-fatt li mhux il-klawżoli kollha li jikkonċernaw is-suġġett prinċipali tal-kuntratt kif ukoll ir-relazzjoni bejn il-kwalità u l-prezz huma bħala prinċipju esklużi minn dan l-istħarriġ, iżda biss jekk dawn ikunu fformulati "f'lingwaġġ sempliċi u ċar". Skont id-dsatax-il premessa, għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-"[i]stima [evalwazzjoni] ta' karattru inġust" ma għandhiex tikkonċerna dawn il-klawżoli. Madankollu, jekk il-prinċipju ta' trasparenza ma jiġix rispettat f'każ individwali, l-istħarriġ tan-natura inġusta tiġi estiża, mingħajr restrizzjonijiet, anki għal dawn il-klawżoli kuntrattwali [44]. Għaldaqstant, nikkunsidra bħala diskuttibbli li wieħed jassumi li l-leġiżlatur Komunitarju seta' kellu l-ħsieb li jissuġġetta l-applikabbiltà tad-Direttiva 93/13 għal suppożizzjoni daqstant indefinita, u fl-aħħar mill-aħħar suġġetta għal evalwazzjoni każ b'każ min-naħa tal-qorti nazzjonali.

75. Anki interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni fuq il-bażi tal-pożizzjoni sistematika tagħha fi ħdan id-Direttiva twassal għall-istess konklużjoni. Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva fil-fatt jiġi stabbilit fl-Artikoli 1 u 2, filwaqt li s-suġġett leġiżlattiv tal-Artikolu 4 huwa kkostitwit mill-metodi u mill-portata tal-istħarriġ tal-kontenut. Huma jipprovdu lill-operatur legali l-kriterji u l-elementi meħtieġa għall-istħarriġ tan-natura inġusta li għandu jsir. Għaldaqstant, iż-żewġ aspetti għandhom jinżammu distinti wieħed mill-ieħor.

76. B'hekk, anki l-klawżoli li, skont l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13, jikkonċernaw is-suġġett prinċipali tal-kuntratt kif ukoll ir-relazzjoni bejn il-kwalità u l-prezz, bħala prinċipju jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. Għaldaqstant, skont l-Artikolu 8, huma jaqgħu "fil-qasam kopert minn din id-Direttiva". Minkejja dan, huma esklużi mill-istħarriġ tan-natura inġusta [45].

44 — F'dan is-sens anki E. Kapnopoulou (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 32, p. 103, 113); K. Baier, *Europäische Verbraucherverträge und missbräuchliche Klauseln*, Hamburg 2004, p. 32; S. Kohtes (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 29, p. 52); W. Nassall (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 38, p. 690); u R. Damm (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 31, p. 170). Bl-istess mod anki l-Avukat Ġenerali Tizzano fil-konklużjonijiet tiegħu ppreżentati fit-23 ta' Jannar 2001 fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi (C-144/99, Ġabra p. I-3541, punt 27).

45 — Il-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 4(2) jiddefinixxix ukoll il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-Direttiva 93/13 jew jekk jillimitax ruħu sabiex jirrestrinġi l-portata tal-istħarriġ tal-kontenut ma tiġix solvuta b'mod ċar fid-duttrina ġuridika. Madankollu, hemm tendenza favur it-tieni interpretrazzjoni. E. Kapnopoulou (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 32) tenfasizza, minn naħa, li l-intenzjoni tal-Kunsill meta saret l-emenda fil-proposta tal-Kummissjoni tidher li kienet dik li mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jiġu esklużi l-klawżoli kollha li jikkonċernaw is-suġġett prinċipali tal-kuntratt jew ir-relazzjoni bejn il-kwalità u l-prezz (p. 79). Min-naħa l-oħra, l-awtriċi tittratta din id-dispożizzjoni bħala restrizzjoni għall-istħarriġ tan-natura inġusta (p. 103). I. Tilmann (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 30, p. 12), jagħmel distinzjoni ċara bejn id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva u dawk li jistabbilixxu l-portata tal-istħarriġ tal-kontenut. M. Coester (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 33, punt 16, p. 179), jitlaq manifestament mill-premessa, fir-rigward tal-Artikolu 4(2), ta' eżenzjoni mill-istħarriġ tal-kontenut tan-natura inġusta biss. Bl-istess mod anki S. Kohtes (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 29, p. 52); H. Schulte-Nölke, "Verbraucherrecht", f'*Europarecht* (edizzjoni ta' Reiner Schulze/Manfred Zuleeg), Baden-Baden 2006, p. 965; u J. Huet, "Propos amers sur la directive du 5 avril 1993 relative aux clauses abusives", *La Semaine Juridique*, 1/1994, études et chroniques Nru 309, p. 2, li jeżaminaw din id-dispożizzjoni b'relazzjoni għall-portata tal-istħarriġ tal-kontenut.

b) Il-portata tal-awtorizzazzjoni stabbilita fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 93/13

77. Sa fejn l-Artikolu 8 tad-Direttiva 93/13 jawtorizza lill-Istati Membri biex jadottaw dispożizzjonijiet iktar stretti, għandu jiġi vverifikat jekk din il-konsegwenza legali tinkludix estensjoni tal-kamp tal-istħarriġ anki għall-elementi tal-kuntratt imsemmija fl-Artikolu 4(2).

i) Natura mhux vinkolanti tal-Artikolu 4(2)

78. Dan eventwalment jikkuntrasta man-natura ta' norma vinkolanti tal-Artikolu 4(2), sostnuta mir-rikorrent fil-kawża prinċipali. Kif jirrikonoxxi huwa stess fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, din in-natura mhux vinkolanti madankollu ma tistax tinsilet direttament mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [46].

79. Anki s-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi [47], imsemmija mir-rikorrent fil-kawża prinċipali, donnha ma toffri ebda element insostenn tal-imsemmi argument. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-Direttiva 93/13, peress li naqas milli jadotta l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għat-traspożizzjoni kompleta tal-Artikoli 4(2) u 5 tad-Direttiva fid-dritt Olandiż [48]. Il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet konkretament l-argument li d-dispożizzjonijiet tad-dritt ċivili inkwistjoni, jiġifieri tal-Kodiċi Ċivili Olandiż, ma humiex biżżejjed ċari biex jintlaħqu l-għanijiet tad-Direttiva [49]. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja qablet mal-argument tal-Avukat Ġenerali Tizzano, li fil-konklużjonijiet tiegħu, kien ikkontesta, *inter alia*, il-fatt li fl-istat li kien jinsab fih id-dritt ċivili Olandiż dak iż-żmien, baqgħet teżisti l-possibbiltà li l-bejjiegħ jew il-fornitur ikun jista' jwaqqaf lill-konsumatur milli jitlob l-annullament ta' klawżoli kuntrattwali mhux ċari jew ambigwi li jikkonċernaw servizzi essenzjali [50]. L-Avukat Ġenerali kien osserva li l-esklużjoni tal-klawżoli li kienu jikkonċernaw servizzi essenzjali mil-liġi Olandiża dwar il-kundizzjonijiet ġenerali kienet tikkostitwixxi limitu kunsiderevoli għall-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva [51].

80. Din is-sentenza, fil-fehma tiegħi, ma hijiex rilevanti biex tingħata risposta għad-domanda dwar jekk l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13 huwiex norma vinkolanti, peress li hija tikkonċerna esklużivament l-implementazzjoni fuq livell nazzjonali tal-prinċipju ta' trasparenza stabbilit fl-Artikoli 4(2) u 5 tad-Direttiva u għalhekk

46 — Ara l-punt 91 tan-nota ta' osservazzjonijiet tar-rikorrent fil-kawża prinċipali.

47 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4).

48 — Ibidem (punt 22).

49 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punti 19 u 20).

50 — Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tizzano fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi (iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 44, punti 27 u 28).

51 — Ibidem (punt 29).

fuq aspett wieħed biss tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(2). L-istess rikorrent fil-kawża prinċipali jammetti li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tatx deċiżjonijiet fir-rigward ta' aspetti oħrajn ta' din il-liġi [52]. Minn din is-sentenza, għalhekk, ma tista' tinsilet ebda indikazzjoni dwar in-natura legali ta' din id-dispożizzjoni. Barra minn hekk, għandu jiġi enfassizzat li l-kawża li fuqha hija bbażata s-sentenza, kif sostna korrettament l-Avukat Ġenerali Tizzano, kienet tikkonċerna l-każ ta' restrizzjoni, b'detriment għall-konsumatur, tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 li ma kinitx konformi magħha, filwaqt li din il-kawża tikkonċerna l-estensjoni tal-portata tal-istħarriġ tal-kontenut favur il-konsumatur, li huwa manifestament konformi mal-għan tad-Direttiva kif ukoll mal-prinċipju ta' armonizzazzjoni minima, jiġifieri li l-konsumatur jiġi ggarantit l-ogħla livell ta' protezzjoni possibbli [53]. Min-naħa l-oħra, limitu tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva billi tiġi trasposta b'mod mhux korrett ifisser tnaqqis fil-livell minimu tal-protezzjoni ffissat mid-dritt Komunitarju. Peress li kemm il-punt ta' tluq kif ukoll il-problema, fil-prinċipju, huma differenti, iż-żewġ kawżi ma humiex paragunabbli.

81. It-tentattiv tar-rikorrent fil-kawża prinċipali li mis-sentenza Il-Kummissjoni vs Spanja [54] jipprova jislet konklużjonijiet insostenn tal-argument tiegħu lanqas ma rnexxa. Is-suġġett tal-kawża li fuqha hija bbażata din is-sentenza kien nuqqas ta' twettiq ta' obbligu min-naħa tar-Renju ta' Spanja għal traspożizzjoni mhux korretta tal-Artikoli 5 u 6(2) tad-Direttiva 93/13 fid-dritt nazzjonali tiegħu. Huwa minnu li l-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li r-regola ta' interpretazzjoni stabbilita fl-Artikolu 5(3) tad-Direttiva tikkostitwixxi regola leġiżlattiva u vinkolanti, li tagħti drittijiet lill-konsumaturi u tagħti kontribut sabiex jiġi ddefinit ir-riżultat mixtieq minn dik id-Direttiva [55]; iżda minn din l-affermazzjoni ma tista' tinsilet ebda konklużjoni fir-rigward tan-natura legali tad-dispożizzjoni inkluża fl-Artikolu 4(2), li f'dak is-sens għandha kontenut leġiżlattiv differenti.

82. Ir-rikorrent fil-kawża prinċipali barra minn hekk jinvoka l-oriġini tad-Direttiva 93/13, li tipprova, fil-fehma tagħha, li l-leġiżlatur Komunitarju kellu l-intenzjoni li jiffissa xi limiti fuq il-livell Komunitarju għall-istħarriġ ġudizzjarju tan-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali. Dan huwa effettivament korrett, kif ingħad iktar 'il fuq fil-kuntest ta' eżeġeżi storika tal-Artikolu 4(2) [56], iżda ma jikkostitwix, waħdu, prova insostenn tal-argument li l-leġiżlatur Komunitarju kellu l-intenzjoni li jipprekludi assolutament lill-Istati Membri milli jadottaw, fuq il-bażi tal-Artikolu 8, dispożizzjonijiet iktar stretti li jestendu l-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-kontenut. L-eżeġeżi storika ma jidhirx li tipprovdi tweġiba ċara għall-kwistjoni

52 — Ara l-punt 96 tan-nota tar-rikorrent fil-kawża prinċipali.

53 — Ara l-punt 86 ta' dawn il-konklużjonijiet.

54 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Spanja (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5).

55 — Ibidem (punt 17).

56 — Ara l-punti 61 sa 63 ta' dawn il-konklużjonijiet.

dwar ir-relazzjoni bejn l-Artikoli 4(2) u 8 tad-Direttiva.

83. Fir-rigward tar-riferiment għall-inizjattivi li sa issa ħadet il-Kummissjoni [57] sabiex tirrivedi l-acquis Komunitarju li jikkonċerna l-konsumatur, għandu jiġi osservat li dawn, diġà mill-aspett tal-metodoloġija tad-dritt, ma humiex adattati biex jipprovdu elementi insostenn ta' interpretazzjoni tad-Direttiva 93/13, peress li jikkonċernaw esklużivament proposta għal dispożizzjoni Komunitarja oħra li, fl-aħħar mill-aħħar, għadha ma daħlitx fis-seħħ. Irrispettivament mill-fatt li d-dokumenti msemmija ma jikkostitwux materjal li jikkonċerna d-Direttiva 93/13, għandu jitfakkar li l-Kummissjoni għandha biss dritt ta' inizjattiva u għalhekk il-fakultà li tirtira l-proposti tagħha. Dawn il-proposti jistgħu barra minn hekk ikunu suġġetti għal numru ta' emendi min-naħa tal-Kunsill u tal-Parlament waqt il-proċedura leġiżlattiva, sabiex b'hekk ikunu jistgħu jintużaw biss b'mod limitat bħala għajnuna għall-interpretazzjoni [58]. B'hekk, huma ma jittieħdux inkunsiderazzjoni, f'dan il-każ, la għal eżeġeżi storika u lanqas għal eżeġeżi sistematika tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13. Dan japplika b'mod partikolari, kif sostniet il-Kummissjoni stess waqt is-seduta — bi tweġiba għall-mistoqsijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet korrispondenti li jieħdu post dan l-Artikolu kif ukoll fir-rigward tal-prinċipju l-ġdid ta' armonizzazzjoni kompleta [59] - anki għall-Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar drittijiet tal-konsumatur tagħha, li bħalissa għadha fil-fażi li tiġi vverifikata min-naħa tal-korpi leġiżlattivi tal-Komunità.

84. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq, l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13 ma jistax jiġi ddefinit bħala norma mandatorja, li tista' timpedixxi lil Stat Membru milli jinvoka l-Artikolu 8

57 — Dawn huma, fl-ewwel lok, il-Green Paper dwar ir-Reviżjoni tal-Acquis tal-Konsumatur (KUMM/2006/744 finali) kif ukoll il-Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar drittijiet tal-konsumatur (KUMM/2008/614 finali). Barra minn hekk, il-Kummissjoni, fir-Rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur tagħha, KUMM/2000/248 finali, p. 17, kienet ħadet inkunsiderazzjoni tneħħija tal-limiti għall-istħarriġ sostanzjali stabbiliti fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13.

58 — Ara, f'dan is-sens, K. Riesenhuber, "Die Auslegung" f'*Europäische Methodenlehre*, Berlin 2006, p. 257, punt 31. L-awtur jagħmilha ċara li l-eżeġeżi storika, li tittratta l-ġrajjiet preċedenti u l-oriġini, għandha rwol ċentrali fid-dritt privat Ewropew. Jekk l-interpetazzjoni jkollha l-għan li tistħarreġ ir-rieda tal-leġiżlatur, qabel xejn għandha tiġi stabbilita liema rieda tkun determinanti. Il-leġiżlatur leġittimat demokratikament jikkoinċidi biss mal-korpi leġiżlattivi li l-kunsens tagħhom isostni l-att legali fil-każ konkret. Min-naħa l-oħra, diversi korpi għandhom biss jinstemgħu u anki l-Kummissjoni għandha biss id-dritt ta' inizjattiva u l-possibbiltà li tirtira l-proposti, li jistgħu jiġu emendati bil-libertà kollha f'sede leġiżlattiva. Jekk il-proposti jew aħjar ix-xewqat tal-Kummissjoni ma jintlaqgħux, ikun jista' madankollu jinsilet (iżda mhux bilfors) argument *a contrario*.

59 — Id-dispożizzjoni li tieħu post l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13 hija l-Artikolu 32(3) (prinċipji ġenerali) tal-proposta għal direttiva. Il-prinċipju l-ġdid tal-armonizzazzjoni kompleta jiġi stabbilit fl-Artikolu 4 tal-proposta għal direttiva.

tad-Direttiva sabiex jadotta dispożizzjonijiet li jestendu l-portata tal-istħarriġ tal-kontenut anki għal elementi oħrajn tal-kuntratt, bħas-suġġett prinċipali tal-kuntratt jew id-distribuzzjoni ekwa tar-relazzjoni bejn il-kwalità u l-prezz.

ii) Armonizzazzjoni minima

85. F'dan il-kuntest, għandu jiġi kkunsidrat li estensjoni mingħajr limiti, fil-kuntest tal-istħarriġ, fuq il-bażi tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 93/13 fl-aħħar mill-aħħar tista' ġġib fix-xejn l-awtonomija fid-dritt privat, protetta fl-Artikolu 4(2). Min-naħa l-oħra, l-osservanza ta' din id-dispożizzjoni ma għandiex tkun fini fiha nfisha. Hija għandha tiġi kkunsidrata pjuttost fil-kuntest tal-għanijiet tad-Direttiva, filwaqt li jiġi kkunsidrat il-livell ta' armonizzazzjoni li ntlaħaq sa issa fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumaturi.

86. Id-Direttiva 93/13 għandha l-għan li tiżgura protezzjoni minima komuni mill-klawżoli inġusti inklużi fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi fl-Istati Membri tal-Komunità. Dan l-għan għandu jintlaħaq, skont it-tnax-il premessa, permezz ta' armonizzazzjoni parzjali tad-dispożizzjonijiet nazzjonali fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumaturi [60]. Espressjoni leġiżlattiva essenzjali tal-prinċipju ta' sempliċi armonizzazzjoni minima, li fuqha hija bbażata d-Direttiva 93/13, hija l-awtorizzazzjoni inkluża fl-Artikolu 8, li tippermetti li l-Istati Membri jżommu jew jadottaw, fis-sistemi legali nazzjonali tagħhom, dispożizzjonijiet li jiżguraw protezzjoni li taqbeż il-livell minimu stabbilit fid-Direttiva [61]. Kif jirriżulta mit-tnax-il premessa, il-possibbiltà li jiġi ggarantit livell ogħla ta' protezzjoni għall-konsumatur permezz ta' dispożizzjonijiet nazzjonali iktar stretti minn dawk tad-Direttiva inkwistjoni

60 — Anki d-Direttiva 93/13, l-istess bħad-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE, [tal]-20 ta' Diċembru 1985, biex tħares lill-konsumatur rigward kuntratti nnegozjati barra mill-lok tan-negozju, id-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, [tal]-20 ta' Mejju 1997, dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi in rigward ta' kuntratti li jsiru mill-bogħod, kif ukoll id-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Mejju 1999, dwar ċerti aspetti tal-bejgħ ta' oġġetti tal-konsum u garanziji assoċjati magħhom, hija bbażata fuq l-approċċ tal-armonizzazzjoni minima. Dan l-approċċ jiġi abbandunat espressament fil-Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [tat-8 ta' Ottubru 2008] dwar drittijiet tal-konsumatur, (KUMM/2008/614 finali) li tikkodifika dawn l-erba' direttivi. Il-proposta għal direttiva issa tipprovdi approċċ għal armonizzazzjoni kompleta, bil-konsegwenza li l-Istati Membri ma jistgħux iżommu jew jadottaw dispożizzjonijiet differenti minn dawk stabbiliti fid-Direttiva. Il-proposta għandha l-għan li tagħti kontribut għall-funzjonament korrett tas-suq intern fir-rigward tat-tranżazzjonijiet konklużi bejn impriżi u konsumaturi u sabiex jintlaħaq livell għoli komuni ta' protezzjoni tal-konsumaturi, permezz tal-armonizzazzjoni kompleta tal-aspetti fundamentali tal-liġi dwar il-kuntratti tal-konsumaturi li huma rilevanti għas-suq intern.

61 — Ara, f'dan is-sens, anki T. Pfeiffer (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 21, Artikolu 8, punt 1, p. 1); E. Kapnopoulou (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 32, p. 162). A. Long, Unfair Contract Terms — New Directive, Implementation and Recent Developments, *Community Law in Practice*, Trier 1997, p. 148, jenfasizza li fid-dawl tal-opinjonijiet differenti tal-Istati Membri, id-Direttiva 93/13 għandha l-għan li tissodisfa prinċipju ta' armonizzazzjoni minima u tagħti lill-Istati Membri marġni ta' diskrezzjoni kunsiderevoli, li min-naħa tiegħu huwa konformi mal-prinċipju ta' sussidjarjetà. Fir-rapport tagħha tas-27 ta' April 2000 (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, p. 5), il-Kummissjoni tirreferi għan-natura preskrittiva "minima" tad-Direttiva 93/13, espressa fl-awtorizzazzjoni stabbilita fl-Artikolu 8.

għandha titħalla f'idejn l-Istati Membri. Dan il-prinċipju ta' armonizzazzjoni minima jagħti lill-Istati Membri marġni ta' diskrezzjoni kunsiderevoli. Fl-istess ħin, minn din id-dispożizzjoni jista' jiġi dedott, *a contrario*, li deroga minħabba nuqqas, jiġifieri livell ta' protezzjoni tal-konsumaturi li jkun iktar baxx mill-għanijiet tad-Direttiva, ma hijiex kompatibbli mal-prinċipji tal-istess Direttiva.

c) Konklużjoni

87. Fid-dawl tal-fatt li d-Direttiva 93/13 tipprovdi biss għal armonizzazzjoni minima, hija ma tipprekludix, bħala prinċipju, estensjoni, mixtieqa mill-Istati Membri, tal-istħarriġ tal-kontenut għal elementi oħrajn tal-kuntratt, bħas-suġġett prinċipali tal-kuntratt jew id-distribuzzjoni ekwa tar-relazzjoni bejn il-kwalità u l-prezz, iktar u iktar għaliex ma' din il-miżura huwa marbut livell ogħla ta' protezzjoni tal-konsumaturi [62].

2. Fuq it-tielet domanda preliminari

88. Madankollu, id-dritt Komunitarju jistabbilixxi limiti għall-possibbiltà li jiġi pprovdut livell ogħla ta' protezzjoni nazzjonali. Irrispettivament minn jekk id-dispożizzjonijiet nazzjonali jikkonċernawx każijiet li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, l-Istati Membri għandhom josservaw il-limiti ġenerali stabbiliti mid-dritt Komunitarju. Id-dispożizzjonijiet nazzjonali tagħhom ma jistgħux imorru kontra t-Trattat KE u kontra l-libertajiet fundamentali jew kontra d-dritt Komunitarju sekondarju [63]. L-Artikolu 8 tad-Direttiva 93/13 jirreferi espliċitament għal dan, meta jeżiġi li d-dispożizzjonijiet adottati mill-Istati Membri għandhom ikunu "kompatibbli mat-Trattat". Dan huwa s-suġġett tat-tielet domanda.

a) Kunsiderazzjonijiet ġuridiċi fid-dawl tal-għanijiet Komunitarji

89. Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju, essenzjalment tistaqsi jekk stħarriġ ġudizzjarju, strutturat skont

62 — Ara l-punti 53 u 54 ta' dawn il-konklużjonijiet.

63 — Ara, f'dan is-sens, anki E. Kapnopoulou (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 32, p. 163).

ir-rekwiżiti tad-Direttiva, tan-natura inġusta ta' klawżoli inklużi f'kuntratti konklużi mal-konsumaturi, li huma fformulati b'lingwaġġ sempliċi u ċar u li jirregolaw, minn naħa, is-suġġett prinċipali tal-kuntratt u d-distribuzzjoni ekwa bejn il-prezz u r-remunerazzjoni, u min-naħa l-oħra is-servizzi jew il-merkanzija pprovduti bi tpartit, huwiex kompatibbli mal-Artikoli 2 KE, 3(1)(g) KE u 4(1) KE. Id-domanda preliminari għalhekk għandha l-għan li tara li l-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża jekk mid-dritt primarju jirriżultawx iktar limiti għal livell ogħla ta' protezzjoni nazzjonali, bħal dak ipprovdut fl-ordinament ġuridiku Spanjol. Id-dispożizzjonijiet imsemmija mill-qorti tar-rinviju jikkonċernaw il-prinċipji tas-suq komuni, tal-kompetizzjoni libera u tal-ekonomija libera tas-suq.

90. Indikazzjonijiet utli rigward l-applikabbiltà ta' dawn id-dispożizzjonijiet bħala parametru għall-kompatibbiltà mad-dritt Komunitarju tal-azzjoni tal-Istati Membri jistgħu jinsiltu mis-sentenza Echirolles Distribution [64].

91. Kif għamlitha ċara l-Qorti tal-Ġustizzja f'dik is-sentenza, meta l-Artikoli 4 KE, 98 KE u 99 KE jirreferu għal politika ekonomika li għandha tkun konformi mal-prinċipju ta' ekonomija tas-suq miftuħa u f'kompetizzjoni libera, dawn jillimitaw rwieħhom sabiex jiddefinixxu għanijiet ġenerali, fejn għaldaqstant għandhom jiġu interpretati biss b'relazzjoni għar-regoli tat-Trattat maħsuba rispettivament għall-implementazzjoni ta' dawn l-għanijiet [65]. B'hekk, dawn essenzjalment għandhom in-natura ta' regoli kostituzzjonali li n-natura tagħhom hija dik ta' politika organizzattiva [66]. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, għaldaqstant dawn ma humiex regoli li jimponu obbligi ċari u mingħajr kundizzjonijiet fuq l-Istati Membri li jistgħu jiġu invokati mill-individwi quddiem il-qrati nazzjonali. Il-prinċipju li ssemma iktar 'il fuq jikkostitwixxi pjuttost, fil-fehma tagħha, prinċipju ġenerali li jeħtieġ, biex jiġi applikat, evalwazzjonijiet kumplessi ta' natura ekonomika li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-leġiżlatur jew tal-amministrazzjoni nazzjonali [67].

92. Din l-affermazzjoni tal-aħħar hija bbażata, mhux l-inqas, fuq iċ-ċirkustanza li l-Istati Membri, fin-nuqqas ta' politika ekonomika komuni ispirata, pereżempju, mill-politika kummerċjali komuni jew mill-politika agrikola fil-kuntest tal-unjoni ekonomika u monetarja, għandhom il-kompetenza u r-responsabbiltà għall-politika ekonomika ġenerali tagħhom iżda, permezz tal-koordinazzjoni, għandhom jindirizzawha b'tali mod li jagħtu kontribut

64 — Sentenza Echirolles Distribution (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 3).

65 — Ibidem (punt 24). Ara anki s-sentenza tal-14 ta' Lulju 1998, Bettati (C-341/95, Ġabra p. I-4355, punt 75).

66 — F'dan is-sens ara wkoll R. Bandilla, f'*Das Recht der Europäischen Union* (edizzjoni ta' E. Grabitz/M. Hilf), Vol. I, Art. 4 EGV, punt 7, p. 3. Skont l-awtur, biż-żieda inkluża fl-Artikolu 4(1) KE, fejn jingħad li l-politika ekonomika għandha tirrispetta l-"prinċipji ta' ekonomija ta' suq miftuħ", fit-Trattat ġiet inkluża formulazzjoni li tista' tinftiehem bħala regola kostituzzjonali li n-natura tagħha hija dik ta' politika organizzattiva.

67 — Sentenza Echirolles Distribution (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 3, punt 25).

biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Komunità fis-sens tal-Artikolu 2 KE [68].

93. Fid-dawl tan-nuqqas ta' definizzjoni legali ta' dawn ir-regoli kostituzzjonali, kif ukoll tal-persistenza ta' kompetenza awtonoma tal-Istati Membri fil-qasam tal-politika ekonomika, bħala prinċipju, ma tistax tiġi eżaminata l-kompatibbiltà tal-atti ta' traspożizzjoni tal-Istati Membri mad-dritt Komunitarju fejn, bħala parametru, jintużaw l-imsemmija dispożizzjonijiet tad-dritt primarju. Skont il-ġurisprudenza li ssemmiet iktar 'il fuq min-naħa l-oħra, teoretikament jittieħed inkunsiderazzjoni stħarriġ tal-legalità fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat maħsuba għall-implementazzjoni tal-Artikoli 2 KE, 3(1)(g) KE u 4(1) KE. Huwa minnu li fid-domanda preliminari ma tiġix rikonoxxuta espliċitament domanda korrispondenti fir-rigward tal-interpretazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet tat-Trattat; il-qorti inkwistjoni madankollu tagħmel riferiment b'mod ġenerali, fid-digriet tar-rinviju tagħha, għall-prinċipji ta' ekonomija libera tas-suq u ta' kompetizzjoni libera. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li għandha tkun il-Qorti tal-Ġustizzja li tipprovdi lill-qorti nazzjonali l-elementi kollha ta' interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju li jistgħu jkunu utli biex tagħti deċiżjoni fir-rigward tal-kawża li jkollha quddiemha, indipendentement mill-fatt jekk din il-qorti tkunx għamlet riferiment jew le għal dan fil-formulazzjoni tad-domandi preliminari tagħha [69].

b) Evalwazzjoni ġuridika abbażi tar-regoli ta' implementazzjoni

i) Ir-regoli tal-kompetizzjoni

94. Kif ġie rikonoxxut mill-Qorti tal-Ġustizzja, id-dispożizzjonijiet Komunitarji fil-qasam tal-kompetizzjoni għandhom l-għan li jirrispettaw il-prinċipji stabbiliti fl-Artikoli 2 KE u 3 KE kif ukoll li jilħqu l-għanijiet imsemmija fihom [70]. L-għan stabbilit fl-Artikolu 3(1)(g) KE, jiġifieri li tiġi stabbilita sistema li tiggarantixxi li l-kompetizzjoni fis-suq intern ma tiġix distorta, jintlaħaq permezz tal-applikazzjoni tal-Artikoli 81 KE u 82 KE. Dawn id-

68 — F'dan is-sens, ara wkoll R. Bandilla (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 66, Vol. II, Art. 98 EGV, punt 2, p. 2). Meta l-Artikolu 4(1) KE jsemmi l-adozzjoni ta' politika ekonomika skont il-kundizzjonijiet u r-ritmi pprovduti minn dak it-Trattat, huwa jirreferi għall-Kapitolu 1 tat-Titolu VII fit-tielet parti tat-Trattat, fejn, permezz tal-Artikoli 98 sa 104, jinkludi dispożizzjonijiet iktar dettaljati fil-qasam tal-politika ekonomika. Kif osserva korrettament U. Häde, *Kommentar zu EUV/EGV* (edizzjoni ta' Chr. Calliess/M. Ruffert), it-tielet edizzjoni, München 2007, Artikolu 4, punt 4, is-suġġett ta' dawn id-dispożizzjonijiet ma huwiex politika ekonomika ispirata, pereżempju, mill-politika kummerċjali komuni jew mill-politika agrikola. Essenzjalment, din tirrigwarda pjuttost kwistjoni ta' koordinazzjoni u sorveljanza tal-politika ekonomika awtonoma tal-Istati, li, bħala prinċipju, tkompli tkun awtonoma, b'mod partikolari fir-rigward tal-unjoni monetarja mwettqa sadanittant fi 15-il Stat Membru.

69 — Ara s-sentenzi SARPP (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 42, punt 8); Verband Sozialer Wettbewerb, l-hekk imsejħa sentenza "Clinique" (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 42, punt 7); Consorzio per la tutela del formaggio Gorgonzola (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 42, punt 16); Trojani (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 42, punt 38); u Oulane (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 42, punt 47).

70 — Ara, fir-rigward tal-Artikolu 81 KE, is-sentenzi tal-21 ta' Frar 1973, Continental Can vs Il-Kummissjoni (6/72, Ġabra p. 215, punt 25), tal-1 ta' Ġunju 1999, Eco Swiss (C-126/97, Ġabra p. I-3055, punt 36) u tal-20 ta' Settembru 2001, Courage vs Crehan (C-453/99, Ġabra p. I-6297, punt 20).

dispożizzjonijiet tat-Trattat jirrappreżentaw implementazzjoni tal-għanijiet imsemmija fl-Artikoli 2 KE u 3 KE [71] u għaldaqstant jistgħu jintużaw bħala parametru għall-atti ta' traspożizzjoni tal-Istati Membri.

r-responsabbiltà li jadottaw deċiżjonijiet ta' intervent fil-qasam ekonomiku [73].

95. Applikazzjoni għall-kawża prinċipali tad-dispożizzjonijiet dwar il-kompetizzjoni li huma validi għall-Istati Membri fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, skont l-Artikoli 87 KE *et seq*, hija eskluża *a priori* peress li dawn tal-aħħar ma humiex is-suġġett tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari. Bl-istess mod, lanqas ma tittieħed inkunsiderazzjoni applikazzjoni tal-Artikoli 81 KE u 82 KE, peress li dawn ma humiex maħsuba għall-Istati Membri iżda għall-impriżi. Iż-żewġ dispożizzjonijiet jikkonċernaw, fihom infushom, esklużivament l-imġiba tal-impriżi u mhux il-liġijiet jew ir-regolamenti maħruġa mill-Istati Membri. Minkejja dan, il-Qorti tal-Ġustizzja xorta sostniet, b'ġurisprudenza stabbilita, li l-Istati Membri ma jistgħux, fuq il-bażi tal-Artikoli 81 KE u 82 KE flimkien mal-Artikolu 10 KE, jadottaw jew iżommu fis-seħħ miżuri, anki ta' natura leġiżlattivi jew regolamentari, li jistgħu jagħmlu prattikament ineffettivi r-regoli dwar il-kompetizzjoni applikabbli għall-impriżi [72]. Dan il-każ iseħħ, skont l-istess ġurisprudenza, jekk Stat Membru jimponi jew jiffaċilita l-konklużjoni ta' ftehim f'kunflitt mal-Artikolu 81 KE, jew isaħħaħ l-effetti ta' tali ftehim, jew ineħħi n-natura pubblika tal-leġiżlazzjoni tiegħu, u jiddelega lill-operaturi privati

96. Madankollu, xejn ma jindika li dawn il-premessi jirriżultaw ukoll fil-kawża prinċipali. Għaldaqstant, ma jidhirx li d-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni jmorru kontra l-Artikoli 81 KE flimkien mal-Artikolu 10 KE.

97. L-istess japplika fir-rigward ta' applikazzjoni eventwali tal-Artikolu 82 KE moqri flimkien mal-Artikolu 10 KE. Minn naħa, l-Artikolu 82(a) KE jipprovdi li kull abbuż minn pożizzjoni dominanti permezz tal-impożizzjoni ta' prezzijiet ta' akkwist jew ta' bejgħ, jew ta' kundizzjonijiet oħra inġusti ta' kummerċ għandu jiġi pprojbit. Min-naħa l-oħra, l-aħħar sentenza tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament 1/2003 [74], tistabbilixxi li dan ir-Regolament ma jipprekludix lill-Istati Membri milli jadottaw jew japplikaw fit-territorju tagħhom regoli nazzjonali iktar stretti li jipprojbixxu jew jissanzjonaw l-imġiba unilaterali tal-impriżi. Mid-dispożizzjonijiet

71 — Ara sentenzi tat-13 ta' Frar 1979, Hoffmann-La Roche (85/76, Ġabra p. 461); tad-9 ta' Novembru 1983, Michelin (322/81, Ġabra p. 3461, punt 29), kif ukoll tal-24 ta' Jannar 1991, Alsthom Atlantique SA (C-339/89, Ġabra p. I-107, punt 10).

72 — Sentenza tat-28 ta' Frar 1991, Marchandise (C-332/89, Ġabra p. I-1027, punt 22).

73 — Sentenzi tal-21 ta' Settembru 1988, Van Eycke (267/86, Ġabra p. 4769, punt 16); Marchandise (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 70, punt 22); u tas-17 ta' Novembru 1993, Meng (C-2/91, Ġabra p. I-5751, punt 14).

74 — Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 Diċembru 2002, fuq l-implementazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

dwar il-kompetizzjoni għalhekk ma jistax jinsilet x'jipprojbixxi b'mod kategoriku l-interventi tal-awtoritajiet fl-awtonomija fid-dritt privat minħabba raġunijiet marbuta mal-protezzjoni tal-konsumaturi u biex tiġi żgurata l-osservanza tal-bilanċ ekonomiku bejn is-servizz u l-korrispettiv.

98. Għaldaqstant, ma jista' jiġi indikat ebda element insostenn tal-argument li d-dispożizzjonijiet nazzjonali kontenzjużi ma humiex kompatibbli mar-regoli dwar il-kompetizzjoni.

ii) Il-libertajiet fundamentali

99. Kompetizzjoni mhux distorta fis-suq intern, stabbilita bħala għan tat-Trattat mill-Artikolu 3(1)(g) KE, tippreżumi wkoll, b'mod speċifiku, li jkun hemm l-ikbar garanzija possibbli tal-libertajiet fundamentali [75]. Għal din ir-raġuni, iktar 'il quddiem għandha tiġi vverifikata l-kompatibbiltà tad-dispożizzjonijiet nazzjonali kontenzjużi mal-libertajiet fundamentali. Fil-każ ta' armonizzazzjoni minima, dawn il-libertajiet jiġu applikati jekk id-dispożizzjonijiet nazzjonali jillimitaw il-moviment liberu fis-suq intern lil hinn mill-parametru tal-protezzjoni minima [76].

100. F'dan il-każ, tittieħed inkunsiderazzjoni applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt primarju fir-rigward tal-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-kunċett ta' "restrizzjonijiet", fit-tifsira tal-Artikolu 49 KE, jikkonċerna l-miżuri kollha li jipprojbixxu, jimpedixxu jew jagħmlu inqas attraenti l-eżerċizzju tal-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi [77].

101. Biex jiġi stabbilit jekk miżura applikabbli mingħajr distinzjoni, bħall-estensjoni tal-istħarriġ tal-kontenut għas-suġġett prinċipali ta' kuntratt jew għar-relazzjoni bejn il-kwalità u l-prezz, taqax taħt dan il-kunċett, għandha tiġi kkunsidrata l-perspettiva kemm ta' fornitur ta' servizzi stabbilit fi Spanja, kif ukoll ta' fornitur ta' servizzi stabbilit fi Stat Membru ieħor, fejn huma fis-seħħ dispożizzjonijiet inqas stretti, peress li, skont il-każ partikolari, skont il-ġurisprudenza

75 — Skont C. Tietje f'*Das Recht der Europäischen Union* (edizzjoni ta' E. Grabitz/M. Hilf), Vol. II, Artikolu 95, punt 18, p. 6, il-kunċett ta' suq intern jibbaża preżunzjoni favur il-moviment liberu tal-merkanzija, tal-persuni u tal-kapital.

76 — Ara, f'dan is-sens A. Tassikas, *Dispositives Recht und Rechtswahlfreiheit als Ausnahmebereiche der EG-Grundfreiheiten: ein Beitrag zur Privatautonomie, Vertragsgestaltung und Rechtsfindung im Vertragsverkehr des Binnenmarkts*, Frankfurt(-am-Main) 2002, p. 189; T. Pfeiffer (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 21, Artikolu 8, punti 1, 20, 21); u E. Kapnopoulou (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 32, p. 163).

77 — Sentenzi tal-5 ta' Ottubru 2004, CaixaBank France (C-442/02, Ġabra p. I-8961, punt 11), tat-3 ta' Ottubru 2006, Fidium Finanz (C-452/04, Ġabra p. I-9521, punt 46), tad-29 ta' Novembru 2007, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija (C-393/05, Ġabra p. I-10195, punt 31), tat-13 ta' Diċembru 2007, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-465/05, Ġabra p. I-11091, punt 17), tas-17 ta' Lulju 2008, Il-Kummissjoni vs Franza (C-389/05, Ġabra p. I-5337, punt 52) kif ukoll tat-28 ta' April 2009, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-518/06, Ġabra p. I-3491, punt 63).

tal-Qorti tal-Ġustizzja jistgħu jirriżultaw konsegwenzi legali differenti.

102. Fil-fatt, skont il-ġurisprudenza, leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ma tikkostitwixxix restrizzjoni fit-tifsira tat-Trattat KE għas-sempliċi fatt li Stati Membri oħrajn japplikaw dispożizzjonijiet inqas stretti jew ekonomikament iktar interessanti għall-fornituri ta' servizzi simili stabbiliti fit-territorju tagħhom [78]. B'hekk, il-fornituri tas-servizzi Spanjoli ma jistgħux jinvokaw ksur tal-libertà fundamentali stabbilita mill-Artikolu 49 KE sempliċement billi jallegaw li jiġu eventwalment issuġġettati għal leġiżlazzjoni iktar stretta fil-konfront ta' fornituri ta' servizzi stabbiliti fi Stati Membri oħra.

103. Għandu jingħad ukoll li din iċ-ċirkustanza, kif sostniet korrettament il-Kummissjoni, tikkostitwixxi l-konsegwenza loġika ta' armonizzazzjoni minima. Barra minn hekk, skont it-tnax-il premessa tad-Direttiva 93/13, fejn isir riferiment għal-livell ta' armonizzazzjoni li kien possibbli dak iż-żmien u fejn fl-istess ħin jissaħħaħ id-dritt tal-Istati Membri li jadottaw dispożizzjonijiet nazzjonali iktar stretti, jidher ċar li l-leġiżlatur Komunitarju jitlaq mill-premessa tal-persistenza ta' leġiżlazzjonijiet nazzjonali differenti.

104. Min-naħa l-oħra, il-kunċett ta' restrizzjoni jinkludi l-miżuri adottati minn Stat Membru li, ikunu kemm ikunu applikabbli mingħajr distinzjoni, jikkonċernaw l-aċċess għas-suq tal-impriżi ta' Stati Membri oħrajn, biex b'hekk jostakolaw il-kummerċ intra-Komunitarju [79]. Skont din il-ġurisprudenza, għandhom jiġu kkonstatati l-effetti li tħalli d-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni fuq il-fornituri tas-servizzi li ġejjin minn Stati Membri oħrajn.

105. Bħala prinċipju, ma jistax jiġi eskluż li stħarriġ ġudizzjarju fid-dettall tal-kontenut tal-klawżoli kuntrattwali, li jeċċedi l-kuntest stabbilit mill-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13, jista' jkollu effett dissważiv fuq fornituri ta' servizzi li ġejjin minn Stati Membri oħrajn, fejn tali stħarriġ sostantiv ma jsirx. Jekk b'dan il-mod isir inqas attraenti l-eżerċizzju tal-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi, il-punt ta' tluq tista' tkun il-premessa ta' restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi skont l-imsemmija definizzjoni. Madankollu, tali restrizzjoni tista' tkun xorta waħda ġġustifikata minn raġunijiet mandatorji ta' interess ġenerali, fost l-oħrajn il-protezzjoni

78 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' Mejju 1995, Alpine Investments (C-384/93, Ġabra p. I-1141, punt 27), tat-12 ta' Lulju 2005, Schempp (C-403/03, Ġabra p. I-6421, punt 45) kif ukoll Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-518/06, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 77, punt 63).

79 — Sentenzi Alpine Investments (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 78, punti 35 u 38); u CaixaBank France (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 77, punt 12).

tal-konsumaturi[80], sa fejn hija tkun ukoll konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità.

106. Madankollu, jekk il-fornituri tas-servizzi li ġejjin minn Stati Membri oħrajn jikkonkludu ftehim kuntrattwali ma' konsumaturi li jkunu ddomiċiljati fi Spanja u, skont ir-regoli rilevanti dwar il-kunflitti tal-liġijiet[81], eventwalment ikunu suġġetti għal leġiżlazzjoni iktar stretta minn dik fis-seħħ fl-Istat ta' residenza tagħhom, dan kollu bl-ebda mod ma jindika sitwazzjoni li tmur kontra d-dritt Komunitarju. Kif enfasizzat kemm-il darba l-Qorti tal-Ġustizzja, il-fatt li Stat Membru jimponi regoli inqas stretti minn dawk imposti minn Stat Membru ieħor ma jfissirx li dawn tal-aħħar ikunu sproporzjonati u għaldaqstant mhux kompatibbli mad-dritt Komunitarju[82].

107. Fl-aħħar nett, xejn ma jindika li l-leġiżlazzjoni Spanjola inkwistjoni tolqot lill-fornituri tas-servizzi li ġejjin minn Stati Membri oħrajn iktar mill-fornituri nazzjonali u li hija għaldaqstant diskriminatorja.

108. B'hekk, ma hemm ebda indikazzjoni ta' ksur tal-libertajiet fundamentali.

c) Konklużjoni

109. Fid-dawl ta' dak li ngħad iktar 'il fuq, nemmen li ma hemm ebda element li jindika inkompatibbiltà mar-regoli dwar il-kompetizzjoni jew mal-libertajiet fundamentali tad-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni.

110. Għaldaqstant, interpretazzjoni tal-Artikoli 8 u 4(2) tad-Direttiva, fis-sens li Stat Membru jista' jagħmel stħarriġ ġudizzjarju tan-natura inġusta tal-klawżoli inklużi f'kuntratti konklużi ma' konsumaturi, li jkunu fformulati b'lingwaġġ sempliċi u ċar u li jirregolaw is-suġġett prinċipali tal-kuntratt u d-distribuzzjoni ekwa minn naħa bejn il-prezz u r-remunerazzjoni, u min-naħa l-oħra s-servizzi jew il-merkanzija pprovduti bi tpartit, hija kompatibbli mal-Artikoli 2 KE, 3(1)(g) KE u 4(1) KE.

80 — Skont ġurisprudenza stabbilita, il-protezzjoni tal-konsumaturi tista' tiġġustifika restrizzjonijiet għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi (ara, f'dan is-sens, *inter alia*, is-sentenzi tad-9 ta' Lulju 1997, De Agostini u TV-Shop, C-34/95 sa C-36/95, Ġabra p. I-3843, punt 53; tas-6 ta' Novembru 2003, Gambelli *et*, C-243/01, Ġabra p. I-13031, punt 67; tas-6 ta' Marzu 2007, Placanica *et*, C-338/04, C-359/04 u C-360/04, Ġabra p. I-1891, punt 46; tad-29 ta' Novembru 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-404/05, Ġabra p. I-10239, punt 50; u Il-Kummissjoni vs L-Awstrija, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 77, punt 52).

81 — Ara l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali miftuħa għall-firma f'Ruma fid- 19 ta' Ġunju 1980 (ĠU C 169, p. 10). Għall-kuntratti konklużi wara s-17 ta' Diċembru 2009, ara l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) (ĠU L 177, p. 6).

82 — Ara s-sentenzi Alpine Investments (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 78, punt 51); u tat-13 ta' Lulju 2004, Il-Kummissjoni vs Franza (C-262/02, Ġabra p. I-6569, punt 37).

## VII — Konklużjoni

111. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet magħmula iktar 'il fuq, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi preliminari magħmula mit-Tribunal Supremo:

1) "L-Artikolu 4(2) moqri flimkien mal-Artikolu 8 tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, ma jipprekludux lil leġiżlazzjoni nazzjonali, li tipprovdi għal stħarriġ tan-natura inġusta ta' klawżoli li jikkonċernaw id-'definizzjoni tal-kwistjoni prinċipali tas-suġġett tal-kuntratt' jew is-'sufficjenza tal-prezz u r-remunerazzjoni, fuq naħa waħda, kontra s-servizzi jew il-merkanzija provduti bi tpartit, fuq in-naħa l-oħra', lanqas meta dawn il-klawżoli jkunu fformulati f'lingwaġġ sempliċi u ċar.

2) Interpretazzjoni tal-Artikoli 8 u 4(2) tad-Direttiva, jiġifieri li Stat Membru jista' jagħmel stħarriġ ġudizzjarju tan-natura inġusta tal-klawżoli inklużi f'kuntratti ma' konsumaturi, li jkunu fformulati f'lingwaġġ sempliċi u ċar u li jirregolaw is-suġġett prinċipali tal-kuntratt u d-distribuzzjoni ekwa, minn naħa bejn il-prezz u r-remunerazzjoni u, min-naħa l-oħra s-servizzi jew il-merkanzija pprovduti bi tpartit, hija kompatibbli mal-Artikoli 2 KE, 3(1)(g) KE u 4(1) KE."